# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Marzu 2001 - Nru. 827

## MOVIMENT TA' KANA
## Centru Għawdex

### Premju: Familja Qalb tad-Deheb

### 20 ta' Jannar 2001






Settembru 2000 - 50c

*"It-tagħlim tajjeb huwa l-għajn ta' kull ġid. Min jikkultivah ma jistax ma jagħmilx ġid lilu nnifsu u lill-oħrajn"* - *Il-Beatu Dun Ġorġ Preca.*

# Għidli ħaġa...

# Kemm ilek ma taqra ktieb "tajjeb"?




Ottubru 2000 - Lm1.25

# LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS




Novembru 2000 - Lm2

## bdew joffrulek
## KTIEB ĠDID KULL XAHAR!

*Ma titgħallimx aktar għax ma tridx ...*

ĊEMPEL 560496




Diċembru 2000 - Lm2




Jannar 2001 - Lm1.50




Frar 2001 - Lm1.75




Marzu 2001 - Lm1

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu –
Tiswija ta' tanbur u ħlasijiet oħra • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Ħidma b'risq il-familji Għawdxin • 12
X'sens fih li ssum? • 17
L-Għalqa tad-Demm • 18
Inawgurazzjoni u Tberik ta'
Monument f'ġieħ Sant'Anton • 20
Poeżiji ta' Joe. W. Psaila • 21
Riflessjonijiet fuq l-Ittra Apostolika
tal-Papa f'għeluq il-Ġublew • 22
Bookmark • 24
Jagħti pariri ta' ġid spiritwali • 25
Novella -
Il-Funeral tax-Xwejjaħ Feliċ • 26
It-Tliet Prinċipji Fundamentali • 28
Mill-Knisja fid-Dinja • 30
Drawwiet Missirijietna –
Il-Mara fil-Folklor Għawdxi (3) • 31
Wirt Gżiritna –
Il-Mużew tal-Arkeoloġija (4) • 34
ġenerazzjoni.com • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42

IL-ĦAJJA f'Għawdex

Imwaqqfa Ġunju 1945
Ħarġa nru. 827

Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex

*Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 111
Tel. 560496/7 Fax. 561860
*e-mail:* lumenchristi@waldonet.net.mt
*homepage:*
www.gozodirect.com/lumenchristi

Abbonament : Lm3 Sostenitur: Lm 5

Issettjata: *Lumen Christi Media Centre*
Stampata: *"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex*
*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fl-15 ta' Frar 2001.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
L-Għoti tal-Premju Qalb tad-Deheb
(Ara intervista f'paġna 12)

# EDITORJAL



## AMBAXXATURI GĦAWDXIN

*Għandna 36 membri tal-kleru djoċesan jaħdmu jew jistudjaw u jaħdmu fl-istess ħin f'pajjiżi differenti mxerrdin kważi mad-dinja kollha. Minbarra dawn hemm oħrajn li huma membri ta' ordnijiet reliġjużi kemm patrijiet u kemm sorijiet. Dawn huma l-ħaddiema tal-vanġelu msejħin biex jgħinu lill-Mulej fil-ħidma tal-ħsad u marru jfittxu artijiet fejn il-ħsad huwa ikbar minn hawn f'Malta u l-ħaddiema huma ftit. Dawn juru l-ħeġġa ta' l-Għawdxin li jisimgħu s-sejħa tal-Mulej u jwieġbu bil-ġenerożita' għall-appell Tiegħu "Morru xterdu mad-dinja kollha".*

*Il-pajjiżi li l-iktar jilqgħu saċerdoti jew seminaristi Għawdxin huma l-Italja (13), l-Istati Uniti (12), l-Ingilterra (6) u l-Brażil (6). Hemm oħrajn fil-Peru, Indja, Gwatemala, Ġibilita', Kanada u l-Awstralja. Dawn kollha, flimkien mar-reliġjużi nistgħu nsejħulhom l-aqwa ambaxxaturi ta' pajjiżna. Dawn qegħdin jagħtu xhieda kontinwa tar-reliġjon nisranija li trabbew fiha fi ħdan il-familji Għawdxin. Dawn qegħdin jagħmlulna l-aqwa unur mad-dinja kollha. Għalhekk għandna nħossuna obbligati lejhom u ngħinuhom meta nisimgħu bil-bżonnijiet tagħhom.*

*Permezz ta' dawk kollha li jaħdmu għall-Knisja Mqaddsa fid-diversi pajjiżi, Kristu qed jasal lill-ġnus li m'għandhomx min jgħallimhom u jżommhom marbutin miegħu. Għalhekk aħna li nixtiequ ngħinu lil Kristu biex id-dinja kollha ssalva permezz Tiegħu għandu jkollna interess speċjali li nsostnu u ninkoraġġixxu lil dawn l-ambaxxaturi tal-Knisja Għawdxija.*




*L-Awguri tal-Kleru*

Nhar is-Sibt 13 ta' Jannar Mons. Isqof iltaqa mall-kleru ta' Għawdex biex jirreċiprokaw l-awguri ta' l-Ewwel tas-Sena. Matul din il-laqgħa Mons. Isqof ta' rapport dettaljat tal-ħidma li saret is-sena ta' qabel fid-Djoċesi ta' Għawdex.

*Ġimgħa tal-Familja.*

Bejn l-14 u l-20 ta' Jannar il-Moviment ta' Kana żamm il-Ġimgħa tal-Familja. Din il-Ġimgħa bdiet b'quddiesa bl-omelija minn Mons Isqof f'Ta' Pinu. Fost l-attivitajiet li organizza il-Moviment kien hemm laqgħa għall-għarajjes minn Mons. Isqof nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar. L-egħluq ta' din il-Ġimgħa sar permezz ta' ċerimonja fl-Imġarr Hotel fejn ġie mgħoti l-premju Qalb tad-Deheb lill-Familja Attard mix-Xagħra, il-ġenituri tas-*"siamese twins"*.

*Il-Funeral taċ-ċkejkna Rosie Attard*

Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar sar il-funeral taċ-ċkejkna Rosie, waħda mis-*"Siamese twins"*. Il-funeral li sar fil-parroċċa tax-Xagħra, beda b'korteo minn ħdejn il-*playing field* tax-Xagħra; it-tebut taċ-ċkejkna Rosie kien merfugħ mit-tfal tal-parroċċa tax-Xagħra; wara saret quddiesa *presente cadavere* fil-Bażilika tax-Xagħra mmexxija minn Mons. Isqof Nikol G. Cauchi. Fil-priedka Mons.Isqof qal illi hu ma kienx sejjer jagħti tort jew ifaħħar lil xi ħadd għal dak kollu li ġara. Huwa qal li permezz ta'





dan il-funeral irid ifakkarna fit-tagħlim tal-fidi li l -Knisja Ommna tippreżentalna u li aħna bħala kattoliċi, għandna d-dmir li nistqarru quddiem kulħadd. Għal dan il-funeral attendew ħafna ġurnalisti kemm lokali kif ukoll barranin.

***Festa ta' San Franġisk de Sales Patrun tal-Ġurnalisti.***

Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk de Sales, nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar Mons.Isqof qaddes quddiesa għall-ġurnalisti fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani, ir-Rabat. Fil-priedka Mons. Isqof tkellem dwar il-globalizzazzjoni u l-effetti li ġġib magħha, kemm pożitivi u kemm negattivi.



***Laqgħa Ekumenika***

Nhar l-Erbgħa, 24 ta' Jannar, fil-Katidral ta' Għawdex inżamm Servizz Ekumeniku. Dan is-servizz li sar fil-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Knejjes, tmexxa minn Mons.Isqof Cauchi, flimkien ma Mons. Alan Woods tal-Kommunità Anglikana, kif ukoll l-Arċipriet tal-Katidral Mons. Joe Vella Gauci.

***Mons. Isqof iqaddes fl-Isptar***

Mons. Isqof qaddes fil-kappella tas-Sagra Familja fl-isptar mentali ta' Għawdex. Flimkien ma' Mons. Isqof ikkonċelebraw f'din il-quddiesa il-kappillani ta' l-isptar Dun Ġorġ Farrugia, Dun Anton Attard, Dun Anton Zammit, Dun Ġużepp Said u Dun Mikiel Mintoff. Għal din il-quddiesa attendew numru sabiħ ta' infermiera u membri oħra ta' l-istaff. Fl-omelija Mons. Isqof tkellem dwar id-drittijiet tal-morda speċjalment dawk li għandhom xi għamla ta' mard mentali. Mons. Isqof insista li dawn huma persuni li għandhom jiġu ttrattati bl-imħabba daqs pazjenti oħra.

***Festa ta' San Ġwann Bosco***

Nhar il-Erbgħa 31 ta' Jannar, Mons Isqof qaddes fil-kappella tas-Sorijiet Salesjani fir-Rabat. Għal din il-quddiesa attendew numru sabiħ ta' tfal li jattendu l-oratorju tas-sorijiet. Fl-omelija Mons. Isqof tkellem dwar l-Anġli Kustodji u dawk li jieħdu ħsieb it-tfal, li bħal San Ġwann Bosco jiddedikaw ħajjithom biex inisslu fit-tfal drawwiet tajba u mħabba lejn Kristu u l-Madonna.

***Ġimgħa Bibblika Djoċesana***

Bejn id-29 ta' Jannar u l-4 ta' Frar inżammet Ġimgħa Bibblika Djoċesana. F' din il-ġimgħa saru diversi laqgħat, kemm fuq livell djoċesan u anke parrokkjali.

***Konsagrazzjoni ta' Artal Ġdid fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar***



Nhar il-Ħadd, 4 ta' Frar, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni fil-Knisja ta' San Pawl, il-Munxar. F'din iċ-ċelebrazzjoni, Mons. Isqof bierek il-presbiterju l-ġdid u kkonsagra l-artal-mejda, xogħol ta' l-iskultur Ronald Pisani. F'kelmtejn ta' l-okkażjoni, l-Kappillan il-Kan. Frankie Bajada, irringrazzja lill-parruċċani kollha għall-ġenerożità kbira li wrew b'risq dan il-proġett liturġiku.

***Preżentazzjoni u Tberik tat-Tfal***

Fl-okkażjoni tal-festa tal-Gandlora, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu nhar l-Erbgħa, 7 ta' Frar 2001. F'din il-Quddiesa Mons. Isqof wassal messaġġ għall-familji preżenti u bierek lilhom u lit-tfal preżenti. Ingħatat ukoll tifkira ta' l-okkażjoni.






Lelio Spiteri

## Għotjiet ta' Lm 77,000 f'inċentivi għall-industriji Għawdxin



Il-Ministru għal Għawdex, Ġiovanna Debono, nhar il-Ħamis 25 ta' Jannar qassmet għotjiet li jammontaw għal iktar minn Lm 77,000 f'inċentivi għall-industriji Għawdxin. L-industrija Għawdxija għandha spejjeż addizzjonali bħalma huma l-ispejjeż għat-trasport bil-baħar bejn Malta u Għawdex. L-Att dwar l-Iżvilupp Industrijali ta' l-1988 jipprovdi għall-għoti ta' inċentivi lill-kumpaniji Għawdxin biex ikopru l-ispejjeż addizzjonali għat-trasport. Kienu diversi l-kumpaniji li bbenefikaw minn dawn il-flus.



## Lejla Speċjali

Il-Kumpanija "*Gozo Channel*" nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar organizzat lejla soċjali f'*restaurant* f'Għajnsielem għat-tfal u l-familjari tagħhom li ħadu sehem f'attivitajiet organizzati mill-istess kumpanija. Saret iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-premjijiet. Is-Sur Sullivan ippreżenta wkoll arloġġ ta' l-idejn lil Paul Attard mill-Qala li temm ix-xogħol tiegħu mal-kumpanija wara 30 sena ta' servizz fuq il-vapuri ta' bejn iż-żewġ gżejjer, 20 minnhom mal-"*Gozo Channel*" u 10 oħra mad-ditta ta' Eucharist Zammit li kienet hi li f'dak iż-żmien kienet topera s-servizz ta' bejn il-gżejjer.

## Premjazzjoni lill-Istudenti



Nhar is-Sibt 27 ta' Jannar f'waħda mis-swali tal-wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex saret il-Premjazzjoni lill-istudenti Għawdxin li matul is-sena li għaddiet qagħdu għall-eżamijiet tat-Teorija u Prattika fil-mużika. Din kienet organizzata mit-*Trinity College London Malta Association*.

Qabel tqassmu l-premjijiet minn Mons. Isqof Nikol Cauchi, kif ukoll mill-Ministru għal Għawdex, l-istudenti daqqew diversi biċċiet mużikali ta' kompożituri magħrufa.

Il-Kav. Joe M. Attard li ppreżenta s-serata, qara wkoll ir-Rapport Annwali fl-assenza tas-Sinjorina Natasha Chircop. Is-sala kienet mimlija bil-ġenituri u t-tfal.

### *Diskussjoni*




Il-Ġimgħa, 26 ta' Jannar, il-Moviment Azzjona Soċjali organizza sessjoni ta' riflessjoni u diskussjoni għall-pubbliku fid-Dar Ċentrali tal-Moviment f'Victoria, li tmexxiet minn Joe Muscat. Uħud mill-kelliema kienu John E. Sullivan, *Chairman* Kamra tal-Kummerċ Maltija, Sammy Rapa *Chairman* tal-*Gozo Tourist Association* u Joe Baldacchino propjetarju ta' lukanda f'San Lawrenz. It-tema diskussa kienet *"Is-Sehem tat-Turiżmu u l-Migrazzjoni"*.




### *It-Twaqqif tal-Fergħa Għawdxija ta' IVA Malta fl-Ewropa*

Wara li fil-21 ta' Ottubru 2000 ġie mwaqqaf uffiċjalment il-Moviment IVA Malta fl-Ewropa, inħass il-bżonn li titwaqqaf fergħa ta' l-istess moviment fil-gżira t'Għawdex. Dan seħħ is-Sibt 13 ta' Jannar. Inħass il-bżonn li titwaqqaf fergħa f'Għawdex mhux biss biex il-Moviment ikun aktar organizzat, iżda biex jitratta aħjar id-dimensjoni Għawdxija f'dan il-proċess lejn sħubija fl-Unjoni Ewropea. Din il-fergħa trid tkun mezz ta' informazzjoni għal Għawdex u l-Għawdxin, minn issa sa meta jsir ir-*Referendum* biex finalment l-Għawdxin ukoll jagħmlu l-għażla b'mod infurmat. Il-grupp hu mmexxi minn Dr. Raymond C. Xerri.

### *Preżentazzjoni*

It-Taqsima tal-Prevenzjoni Primarja ta' l-OASI organizzat ċerimonja ta' għoti ta' ċertifikati fiċ-Ċentru ta' l-NGO's fix-Xewkija s-Sibt 20 ta' Jannar. Iċ–ċerifikati kienu preżentati lill-numru ta' żgħażagħ li attendew b'suċċess kors fil-*Leadership skills* li kien organizzat mill-istess taqsima bejn il-25 ta' Frar u d-19 ta' Novembru 2000. Il-kors ittratta l-aspett teoretiku kif ukoll prattiku tas-suġġett imsemmi.

### *Għeluq tal-Konsagrazzjonijiet tal-Familja*

Il-Ħadd 14 ta' Jannar, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Knisja Parrokkjali tal-Fontana, fejn l-Arċiprieti u l-Kappillani tal-Parroċċi kollha tad-Djoċesi ta' Għawdex ressqu kewkba tad-Deheb f'isem il-familji li ġew ikkonsagrati fil-Parroċċi tagħhom. Din tpoġġiet fuq il-Globu ta' taħt riġlejn l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù. Fi tmiem il-quddiesa Mons. Isqof qassam ċertifikat lis-saċerdoti li mexxew il-konsagrazzjonijiet matul il-ħmistax-il xahar li għaddew.



### *Leisure Park*

Il-Kunsill Lokali Qala jinsab għaddej b'ħidma intensa biex l-*area* ħdejn il-*ground* tal-*football*, fi Triq l-Imġarr, Qala, li hi abbandunata tiġi trasformata f'*leisure park* jew *clubhouse*.

Il-bini tal-*clubhouse* li qed isir taħt il-*ground* tal-*football* eżistenti u li għalhekk kellu jitkisser il-*ground* sabiex seta' jinbena, ser ikun jinkludi *gym, squash court, changing rooms, toilets* u *showers*. L-*area* ta' quddiem il-*ground* ser tkun konvertita f'*leisure park* fuq stil rustiku li jkun jinkludi bandli, fanali, bankijiet u funtana f'nofs il-ġnien.

Dan il-*leisure park* ser ikun wieħed uniku għal Għawdex għall-istil u l-għamla tiegħu. Hu żgur li minn dan il-post ser igawdu minnu t-tfal u l-familji kollha li jżuruh. Ix-xogħol hu taħt il-gwida tal-Perit Edward Scerri. Hemm il-ħsieb li dan jiġi nawgurat f'Jum il-Qala, jiġifieri f'Ġunju li ġej.

## Premju "Qalb tad-Deheb"



Il-Koppja Mikelanġ u Rina Attard, il-ġenituri tat-tewmin Siamiżi mix-Xagħra, s-Sibt 20 ta' Jannar, ingħataw il-premju Familja Qalb tad-Deheb, mill-Prim Ministru Eddie Fenech Adami, waqt ċerimonja fil-lukanda Mġarr, organizzata mill-Moviment ta' Kana f'Għawdex.

Uħud minn dawk preżenti għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-premju Familja Qalb tad-Deheb kienu jinkludu fost l-oħrajn, il-Vigarju Ġenerali Mons. Ġiovanni B. Gauci, li sejjaħ il-familja Attard bħala familja teżor li ssieltet għax emmnet fil-prinċipji u sabet l-għajnuna fit-talb; il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, is-Sindku tax-Xagħra Anthony Attard, l-Ispeaker tal-Parlament Anton Tabone, il-Viċi Prim Ministru Lawrence Gonzi, membri parlamentati u sindki.

F'din l-okkażjoni l-Chorus Urbanus għamel ukoll intervent mużikali.

## Video Ġdid fuq il-Qala

F'dawn l-aħħar jiem, il-Kunsill Lokali Qala għadha kemm ħareġ *video* fuq il-lokalità tiegħu. Il-*video* li hu twil għoxrin minuta, b'kitba ta' Raymond C. Xerri u produzzjoni ta' Alvin Scicluna, jittratta dwar l-istorja, d-drawwiet, il-kultura, il-folklor u l-ħidma flimkien ma' diversi inizjattivi li ħa l-Kunsill Lokali Qala f'dawn l-aħħar seba' snin.

Fi kliem is-Sindku Paul Buttigieg, dan il-*video* hu enċiklopedija ta' dak kollu li hu tal-Qala u li kull familja, speċjalment l-emigranti Qalin, għandu jkollhom. Infatti, dan l-aħħar, il-Kunsill Lokali Qala, għadu kemm bagħat kopja tal-*video* lil *Australian-Qala Association* li tinsab Melbourne, sabiex jintwera waqt l-attivitajiet li minn żmien għal żmien din l-assoċjazzjoni torganizza.

Dan hu l-ewwel Kunsill Lokali Għawdxi li ħa din l-inizjattiva u li żgur ser tgħin biex ir-residenti tal-Qala jsiru jafu aħjar il-Qala u jifhmu aktar il-ħidma li l-Kunsill Lokali qed iwettaq għal ġid tar-residenti u tal-lokal.



## Kunsill ta' l-Edukazzjoni

Il-Kunsill ta' l-Edukazzjoni għal Għawdex twaqqaf bil-għan li jikkordina d-diversi oqsma tas-settur ta' l-edukazzjoni f'Għawdex. Waqt id-diskors tagħha, l-Onor. Giovanna Debono qalet li l-Kunsill mistenni jaqdi l-funzjoni ta' bord konsultattiv u jfittex kif jgħolli l-livell tat-tagħlim u l-edukazzjoni f'Għawdex, jgħaqqad l-isforzi kollha u jżid l-impenn fid-diversi setturi ta' l-edukazzjoni f'Għawdex, jassigura li jkun hemm koperazzjoni sħiħa u kontinwa bejn is-settur ta' l-edukazzjoni, dak ta' taħriġ u s-sieħba fl-oqsma ta' l-ekonomija u l-kultura u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlu xierqa lill-Ministru.

## Għotjiet ta' Lm16,000 lill-NGO's Għawdxin

Il-Ministru Giovanna Debono waqt ċerimonja qasira li saret fiċ-Ċentru tal-NGO's fix-Xewkija, nhar il-Ħamis 8 ta' Frar, qassmet għotjiet li jammontaw għal madwar Lm16,000 f'inċentivi lill-Għaqdiet non-governattivi f'Għawdex. L-għaqdiet non-governattivi f'Għawdex jagħtu diversi servizzi lis-soċjeta' Għawdxija. Ħafna minnhom jagħmlu xogħol ta' volontarjat fl-oqsma edukattivi, soċjali u kulturali. Din is-sena ibbenifikaw 83 għaqda minn dawn l-għotjiet. Il-Ministru ħabbret li fil-ġimgħat li ġejjin kien ser jiġi mwaqqaf uffiċjalment il-Kunsill għall-Volontarjat għal Għawdex, illi għandu jiġbor fi ħdanu rappreżentanza ta' għaqdiet volontarji Għawdxin sabiex il-ħidma fil-qasam tal-volontarjat tiġi kkonsolidata.

Arkivju Nazzjonali Għawdex
Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 93
Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2001

# TISWIJA TA' TANBUR U ĦLASIJIET OĦRA F'MARZU 1701

It-tlieta u disgħin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex jikkonsisti f'lista ta' ħlasijiet diversi li saru mill-Universitas għal xogħol sussidjat jew ordnat min-uffiċjali tagħha matul Marzu ta' tliet mit sena ilu. Jinsabu reġistrati fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1700-1701), folju 22r.26r-v (NAG, UG, *Acta*, 9/1700–1701, f. 22r.26r-v).

Din li ġejja hi transkrizzjoni ta' l-ewwel wieħed mill-ħlasijiet imsemmija.

Ad Antonio Vella *tarì sei di moneta e grani dieci per aver accomodato un tamburo di detta Università; cioè tarì cinque per suo servitio e tarì uno e granì dieci per segola di detto tamburo, li 13 marzo 1701.*

Antonio Vella tħallas sitt irbiegħi u għaxar ħabbiet talli sewwa tanbur ta' l-Universitas, tanbur li naturalment kien użat mid-Dejma. Interessanti kif sar il-ħlas. Irbiegħi u għaxar ħabbiet kienu l-ispiża ta' segola, speċi ta' ganċ (*bagging-hook*), ħalli bih jistira l-ġilda tat-tanbur, il-kumplament ħadu ħaqq xogħol idejh. Aktarx għal dan ix-xogħol ħadd ma kien jinqala' iktar hawn Għawdex. Il-ħlas sar fit-13 ta' Marzu.

Fl-istess jum sar ħlas ieħor ta' disa' irbiegħi lil Rafaele Tabone u Mastru Domenico Habela. Ta' L-ewwel tħallas sitt irbiegħi ta' serratura u sukkara; tat-tieni tlett irbiegħi talli kien ipprovda l-ħadid u l-imsiemer għal dik is-serratura u s-sukkara. Ix-xogħol kien sar fit-Torri tal-bajja tad-Dwejra.

Nhar is-16 ta' Marzu sar ħlas ta' tliet skuti bħala spiża biex kanun bastard jittella' mill-marina ta' Marsalforn għal fuq it-torri ta' Marsalforn, li kontra kif jaħsbu ħafna ma kienx fil-bajja, iżda fuq ir-riħ tagħha, fuq il-promontorju msejjaħ ta' Għajn Damma, limiti tax-Xagħra. Minn dawn it-tliet skuti, żewġ skuti marru għal erbatax-il ħaddiema tal-kuntrattur Caruana — li jġegħlek taħseb li kien kanun imdaqqas biex kien hemm bżonn daqstant nies biex iġorruh. L-iskut l-ieħor intefaq hekk: erbat irbiegħi lil Simone Cassar, mastrudaxxa, ta' xogħol li għamel fuq il-karell ta' l-istess kanun; erbat irbiegħi oħra kull wieħed lil żewġ burdnara (li isimhom mhux imsemmi) talli niżlu bil-karettun tal-kanuni miċ-Ċittadella lejn Marsalforn, minn hemm għal Għajn Damma, u minn Għajn Damma lura lejn iċ-Ċittadella.

Nhar l-24 ta' Marzu sar ħlas ta' tmint irbiegħi lil Vittorio Grech għal servizzi straordinarji li għamel lill-istess Universitas. Dawn is-servizzi mhumiex speċifikati.

Nhar it-28 ta' Marzu sar il-ħlas lil Patri Majjistru Fra Tomaso Saliba, il-kwareżimalist ta' l-Avvent 1700 u tar-Randan 1701 fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Il-kwareżimalist (li ktibna fuqu f'Jannar 2001) ħa s-somma sabiħa ta' 35 skut. Igħidilna d-dokument "*talli kien ippriedka l-kelma ta' Alla minn fuq il-pulptu tal-Venerabbli Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex.*" Ħlas tajjeb ħafna meta tikkonsidra li paga ta' ħaddiem kienet ta' madwar sittin skut fis-sena tliet mit sena ilu.






## *Konċilju ieħor?*

Xi ħadd għoli fil-ġerarkija tal-Knisja Kattolika dan l-aħħar qal li forsi wasal iż-żmien li l-Knisja ssejjaħ Konċilju ieħor. Il-Papa ma jaħsibhiex hekk, għax mhux ħlief jirrepeti kemm hu importanti li niskopru u napplikaw it-teżori tal-Konċilju Vatikan II. U fil-Knisja ta' Għawdex? Qalulna li waqt omelija li għamel dan l-aħħar Mons. Isqof, hu u jitkellem fuq it-tiġdid liturġiku mitlub mill-Konċilju Vatikan, qal li, minkejja li għaddew kważi erbgħin sena mill-Konċilju, għad fadal xi wħud, fosthom qassisin, li għadhom b'moħħ ta' qabel il-Konċilju. Il-ħasra hi li min suppost jifhem, jgħid li l-kliem ta' l-isqof ma semgħux!

## *Malta u l-Ewropa*

Meta l-Isqof tagħna jitkellem fuq kwistjonijiet ta' fidi, ftit jingħata spazju fuq il-mezzi tal-*media*. Imma jekk l-isqof isemmi xi ħaġa li tmiss il-politika, allura kulħadd iwaqqaf widnejh u jibda jgħid dak li qal l-isqof... u forsi dak li ma riedx jgħid ukoll. Lejn tmiem il-paniġierku li l-isqof għamel fil-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, huwa talab lill-Appostlu biex jillumina l-imħuħ hekk kif Malta waslet f'mument fejn trid tieħu deċiżjoni ferm importanti għall-preżent u għall-futur. L-isqof qal li d-deċiżjoni trid tkun waħda *"f'waqtha, għaqlija, u mingħajr tfexfix"*: deċiżjoni li ma tridx issir b'għaġġla żejda biex inkunu bilfors minn ta' l-ewwel; b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi kollha li jsegwu tali deċiżjoni, kemm jekk nidħlu fl-Ewropa u kemm jekk nibqgħu barra; u fuq kollox deċiżjoni li trid issib unanimi ż-żewġ partiti, għax ma nistgħux nibqgħu bl-istorja li kull darba li jinbidel il-Gvern noqogħdu nilagħbu l-logħba tan-noli. Nistennew li kulħadd jibda jinterpreta l-kliem ta' l-isqof kif jaqbel lilu. Forsi għad ikollna bżonn ta' Danjel biex jinterpreta l-kliem *mene, tekel,feres!*

## *Is-Sunday Shopping*

Bħalissa għaddej lobbying qawwi biex jibdew jifthu l-ħwienet nhar ta' Ħadd ukoll. Anke l-firem għal referendum qed jinġabru. Xejn ta' barra minn hawn. Wara li smajna bid-divorzju, abort u ewtanasja, ma nistagħġbux jekk hawn min iqajjem kwistjonijiet bħal din. Aktar ma jgħaddi ż-żmien irridu nisimgħu aktar affarijiet li juru kemm pajjiżna wkoll inħakem mill-ġibda għall-flus. U l-ġibda għall-flus faċli tnissi lil Alla. Il-Vanġelu fuq dan ma jiċċajtax. Materjaliżmu u sekulariżmu jimxu id f'id. Dak li jiskantak hu kif f'pajjiż li mexa tant 'il quddiem, bħal pajjiżna, għad fadal min jibża' mir-reliġjon u mill-argumenti reliġjużi. Jippretendu li min ma jaqbilx magħhom ma jsemmix argumenti reliġjużi. Bħallikieku l-argumenti reliġjużi m'għandhom ebda valur. Jippretendu li jiddettaw x'jemmnu huma bla ma jridu min jistqarr il-valuri li joħorġu mir-reliġjon tiegħu. Mela ma jafux li wieħed mid-drittijiet ewlenin ta' kull demokrazija hi l-liberta' tal-kuxjenza, inkluża l-liberta' tar-reliġjon, u li ħadd m'għandu jżommok milli tesprimi dak li temmen? Jekk, imbagħad, dawn l-argumenti "reliġjużi" jikkonvinċux jew le, hi ħaġa oħra. Ma nippretendux li xi ħadd għandu jemmen bil-fors. Il-problema mhijiex ta' l-argumenti, imma ta' kemm dawn it-talin lesti jisimgħu argumenti kontra tagħhom. Biex nieħdu eżempju, dawk li huma favur id-divorzju kemm taw każ ta' l-argumenti u tal-provi soċjoloġiċi li semma Dun Anton Gouder meta wera, bi provi li ħadd ma jista' jiċħadhom, li kull fejn daħal id-divorzju aktar kibret il-ħsara milli l-fejqan? Dun Anton Gouder ma qagħadx jitkellem mill-aspett reliġjuż, anke jekk dan hu importanti wkoll. Santu Wistin gerfex ħafna sakemm ikkonverta, imma kien ifittex il-verita'. U meta sabha, ħaddanha. Fostna, hawn min irid jagħlaq ħalq il-verita'. U m'hemmx trux akbar minn dak li ma jridx jisma'.

## *Kunsilli Lokali*

Reġgħu waslu l-elezzjonijiet ta' xi Kunsilli Lokali. Illum qed tidher aktar l-importanza tagħhom mhux biss fid-deċentralizzazzjoni u l-amministrazzjoni tal-poter, imma wkoll għax huma mezz ewlieni ta' kif iċ-ċittadin jipparteċipa b'mod aktar dirett u ta' spiss fit-tmexxija tal-pajjiż. Għall-bidu tagħhom, l-isqfijet kienu wissew biex il-partiti politiċi joqogħdu attenti biex ma jippolitiċizzawx iżżejjed lill-Kunsilli Lokali. Tgħid kellhom raġun? Hemm ir-riskju li, mhux tant il-Kunsilli fihom infushom, imma l-kunsilliera, flok għas-servizz tal-komunita' jkunu strument fin ta' kif

il-partiti jimmonopolizzaw aktar is-soċjeta'. Nieħdu l-każ ta' Għawdex. Ġieli smajna b'każijiet fejn, minħabba l-konfrontazzjoni u l-intransiġenza politika, ma sarx qbil bejn il-kunsilliera fuq proġetti utli għal-Lokali, li forsi kienu jsiru kieku l-partiti baqgħu daqsxejn lura milli jiddeterminaw huma x'inhu l-aħjar għal dak il-Lokal. Qed ninnutaw li f'xi lokalitajiet il-partiti qed isibu diffikultajiet mhux żgħar biex ikollhom kandidati li jirrapreżentawhom. Ir-riskju liema hu? Li jiddaħħlu nies fil-Kunsilli ta' livell skolastiku u kulturali ftit baxx. Faqar akkademiku u kulturali li mbagħad jirrifletti ruħu f'faqar ta' servizz liċ-ċittadin.

## *Għotjiet lil Għaqdiet non-governattivi*

Għal nofs Frar il-Ministeru għal Għawdex reġa' qassam somma sabiħa ta' flus lil diversi Għaqdiet non-governattivi f'Għawdex. Ħaġa sabiħa, għax hu sinjal ta' apprezzament lejn dak li tant għaqdiet ta' volontarjat qed jagħmlu fis-soċjeta' tagħna. Filwaqt li napprezza dan il-ġest, inħoss li min hu responsabbli minn dawn l-għotjiet irid jagħraf jiddistingwi sewwa bejn id-diversi għaqdiet li qed japplikaw. Ir-riskju hu li kull għaqda ta' volontarjat qed tiġi mqegħda fuq l-istess miżien. Filwaqt illi l-volontarjat kollu hu meħtieġ, ma jidhirlix li hu sewwa npoġġu fl-istess keffa l-ħidma ta' Għaqdiet, bħall-Għaqda Għawdxija Persuni b'Diżabilita', il-Fondazzjoni Arka, l-OASI, jew l-Eden Foundation, mal-ħidma ta' klabb tal-futbol jew ta' banda jew tal-Gozo Chamber of Commerce. Il-Ministru qalet li ser jitwaqqaf il-Kunsill tal-Volontarjat. Nittama li din id-distinzjoni bejn in-natura ta' l-Għaqdiet non-governattivi sseħħ.

## *Xagħrha bil-kulur*

Smajt storja li hi ta' min jirrakkuntaha. Tifla żebħet xagħra kulur jgħajjat u marret l-iskola. L-iskola ma tħallietx tidħol u ntbagħtet id-dar. Tgħid kienet azzjoni ftit eżaġerata? Kwistjoni ta' dixxiplina, inkella l-iskola ssir karnival. L-għada t-tifla reġgħet ġiet m'ommha b'xagħra miżbuħ... u b'ittra ta' avukat. L-avukat qal li l-azzjoni ta' l-iskola kienet kontra l-liberta' ta' l-istudenta u kienu lesti jieħdu azzjoni legali kontra l-iskola. L-istorja jidhirli li waqfet hemm. Imma wisq nibża' li għad jgħaddi ż-żmien u l-istorja terġa' tirrepeti ruħha, din id-darba forsi t-tifla kontra l-omm, għax anke l-omm tkun qed tnaqqsilha mil-liberta'. Nittama li dan ma jseħħx. Imma meta l-ġenituri jaslu f'dan l-istat ta' iperprotezzjoni ta' l-ulied, ma nafx x'garanzija jkunu qed jagħtu għall-futur ta' wliedhom.

## *Il-Promenade ta' Għar Qawqla*

M'ilux deħret ittra f'gazzetta dwar l-istat ta' abbandun li fih jinsab dak li kellu jkun il-*promenade* ta' Għar Qawqla, Marsalforn. Kien sar ħafna xogħol ta' tindif u tqaċċit ta' siġar biex isir passaġġ li jħares fuq il-baħar. Imma x-xogħol waqaf hemm u ma sar xejn aktar. Meta ser jitkompla x-xogħol? Veru li bħalissa qed jagħmel ftit tal-ksieħ, imma għas-sajf li ġej sewwa kieku jkun lest. Forsi l-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ jista' jagħmel ftit pressjoni fuq dawk li huma responsabbli minn dan il-proġett.

## *Servizzi Ekumeniċi*

Saret drawwa sabiħa li darba fis-sena, fl-okkażjoni tal-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-insara, jinżamm servizz ekumeniku fid-djoċesi tagħna. Il-ħidma ekumenika hi ħafna għal qalb il-Papa. Filwaqt li hu ta' min ifaħħar din l-inizjattiva, inħoss li hu ftit ferm. Attivita' bħal din tispiċċa biex issir biss att formali ta' darba fis-sena. Forsi ta' min jinsisti li kull parroċċa, forsi fi żmien il-festa, torganizza servizz ekumeniku. B'hekk isir mill-inqas ħmistax-il servizz ekumeniku, u l-poplu tagħna jsir aktar konxju ta' xi jfisser l-ekumeniżmu, u jitħarreġ jitlob izjed għall-Għaqda fost l-insara. Dan jista' jkun ukoll mezz ta' kif isseħħ aktar ir-rikonċiljazzjoni li tant smajna dwarha fi żmien il-Ġublew.

## *Avukati, tobba u l-bqija*

Koppja kienet għaddejja minn sitwazzjoni diffiċli. Kienu waslu fi stat ta' nuqqas ta' fiduċja f'xulxin. Marru jkellmu saċerdot u dan ipprova jkellimhom bil-ħlewwa u jara kif jgħinhom biex bil-mod il-mod jerġgħu jibnu relazzjoni ta' fiduċja f'xulxin, bit-tama li jaslu għar-rikonċiljazzjoni reċiproka. L-istess koppja marret fejn avukat. L-avukat ta' parti minnhom ma ħasibhiex darbtejn: fittex eħles mir-raġel, kien il-parir. Kif iħarsu lejn il-persuni li jmorru quddiemhom b'tant problemi dawn il-professjonisti tal-lum? Bħala klijent li xtara biċċa drapp mis-suq?

---

Avviż

**Ġbir għall-Missjoni: GRAZZI**

Evangelista u Eugene Bajada, f'isem Dun Anton Grech u Carmen Bajada, li t-tnejn jinsabu fuq ħidma missjunarju fil-Gwatemala, jixtiequ jgħidu grazzi lil dawk kollha li għamlu donazzjonijiet finanzjarji ġenerużi biex tkun tista' tinfetaħ skola kattolika għat-tfal tal-parroċċa "*Jesus Crucificado*" u ta' l-inħawi tagħha fid-Djoċesi ta' Halapa, Gwatemala. Din l-iskola bdiet tilqa' t-tfal f'Jannar, u b'hekk dawn it-tfal issa qed jingħataw tagħlim tar-reliġjon u ta' l-Ingliż, flimkien ma' edukazzjoni oħra bażika.

L-INTERVISTA



# Ħidma b'risq il-familji Għawdxin

DUN EDDIE ZAMMIT JINTERVISTA LIL DUN ĠORĠ BORG B.SC.EDUC.; LIC. PSYC, DIRETTUR TAL-MOVIMENT TA' KANA F'GĦAWDEX.

**X'kienu l-għanijiet li għalih twaqqaf il-Moviment ta' Kana f'pajjiżna u min kienu l-persuni nvoluti fit-twaqqif tiegħu? F'liema sena twaqqaf il-Moviment ta' Kana f'Għawdex u fejn kien l-ewwel ċentru tiegħu?**

Il-Moviment ta' Kana twaqqaf għall-ewwel darba f'Malta minn Mons. Charles Vella fis-sena 1956. L-għan prinċipali tal-Moviment huwa li b'impenn isaħħaħ u jagħmel li l-familja Maltija u Għawdxija tkun għajn ħajja u dawl u ħmira fil-Knisja u fis-soċjetà Maltija. Għalhekk hu ifittex li b'mod konkret iħares id-drittijiet tal-familja, jgħożż il-wirt kulturali tagħha u jaħdem biex jibni familji nsara fuq is-Sagrament taż-Żwieġ( mill- istatut tal-Moviment) .

Il-viżjoni tal-Moviment hija li l-familja Maltija u Għawdxija tkun tassew familja nisranija

- Jiġifieri li tkun familja magħquda li tgħix l-Ispirtu tal-Vanġelu
- Li tagħraf dejjem aktar li hija Knisja domestika u għalhekk mezz ta' Evanġelizzazzjoni u qdusija għall-membri tagħha
- Li tkun miftuħa għal familji oħrajn u l-aktar l-imġarrbin.

Għalhekk il-Missjoni tal-Moviment dejjem kienet

- Li jgħin lill-koppji jħejju ruħhom għaż-żwieġ nisrani
- Jgħinhom iwettqu u jsaħħu ż-żwieġ u l-familja, billi jġibu 'l quddiem ir-relazzjoni taż-żwieġ bħala waħda li hija dejjiema, fidila u miftuħa għall-ħajja.
- Jieqaf mal-familji meta ż-żwieġ tagħhom jidħol f'diffikultajiet.

Il-Moviment ta' Kana f'Għawdex twaqqaf tmien snin wara dak ta' Malta. Dun (Mons) Charles Vella wara li kien iltaqà u ħa l-approvazzjoni ta' l-isqof ta' Għawdex ta' dak iż-żmien l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Ġużeppi Pace, fil-11 ta' Ottubru 1964 laqqa' grrupp ta' persuni li dehru interessati, għand is-sorijiet Salesjani, ir-Rabat. Flimkien għamlu Study Day li fiha Dun CharlesVella fissrilhom l-pożizzjoni u l-għanijiet tal-Moviment ta' Kana f'Malta. Dik il-ġurnata hija miżmuma bħala l-ewwel Ġurnata tal-Moviment f'Għawdex. Wara dik il-ġurnata ntgħażlu l-persuni li kellhom jifformaw l-Kumitat tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat saret nhar is-17 ta' Ġunju 1965, fil-*Headquarters tal-Legion of Mary*, dak iż-zmien fit-Triq it-Tiġrija, illum Triq ir-Repubblika. Għal dik l-ewwel laqgħa kienu prezenti ukoll Dun Charles Vella u c-*chairman* tal-Moviment ta' Kana, Malta, is-sur Ġorġ Lewis.

L-ewwel Kumitat kien iffurmat minn, Direttur, Dun Guzepp Buttigieg, *chairman*: Dr. L. Schembri Wismayer, segretarju: Is-sur George Xerri u assistent segretarja s-sinjura Carmen Vella, teżorier is-sur Ġużeppi Micallef, *counsellors*: is-sinjorina



*Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla taċ-Ċentru ta' Kana mill-Kardinal O'Fiaich*

Cettina Pace u is-sinjura Edmea Tabone, membri oħrajn kienu it-Tabib Eddie Rapa u s-sinjura L. Schembri Wismayer. Bħala moralista kien hemm Dun Nikol Cauchi, illum Isqof ta' Għawdex. Mit-12 ta' Awissu l-Moviment beda jaħdem fl-ewwel ċentru tiegħu fid-dar numru 14, Triq il-Kappillan Hili, il-Fontana.

**X'ħidmiet wettaq dan il-Moviment f'Għawdex fis-snin l-imgħoddija? Kif ġew milqugħa dawn is-servizzi mill-koppji u mill-familji Għawdxin?**

L-ewwel impenn kien li jiġu avviċinati l-Arċiprieti u l-Kappillani t'Għawdex biex jiġu sensibilizzati bil-missjoni tal-Moviment. Għal dan l-impenn ġew mibgħuta d-Direttur Dun Ġużepp Buttiġieġ u Dun Nikol G. Cauchi. Wara mbagħad il-Moviment beda jorganizza l-korsijiet Tħejjija għaż-Żwieġ. Maż-żmien beda ukoll is-servizz tal-marriage counselling , l-Korsijiet fuq l-Ippjanar tal-Familja u s-servizz tat-tabib. Twaqqaf ukoll l-Kana Klabb li kien jiġbor grupp imdaqqas ta' nisa l-aktar ommijiet u kienu jiġu organizzati diversi korsijiet utli għall-ħajja tal-familja. Nistgħu ngħidu li l-familji Għawdxin dritt rabbew fiduċja fil-Moviment u dan deher mill-attendenza għas-servizzi li l-Moviment kien jorganizza matul iż-żmien.

**Semmejna l-*counsellors* li jgħinu ħafna fil-ħidma tal-Moviment. X'tip ta' preparazzjoni jingħataw biex ikunu jistgħu jaqdu lil dawk li jmorru ħdejhom għall-għajnuna.**

Għall-ewwel snin mit-twaqqif tal-Moviment kemm f'Malta u anki f'Għawdex il-counsellors kienu aktar speċi ta' *social workers* u persuni li kien ikollhom ċerta esperjenza fil-ħajja tal-familja. Ilum biex wieħed ikun counsellor mal-Moviment ta' Kana jeħtieġ li jattendi b'suċċes kors ta' tħejjija għall-*counsellors* organizzat mill-istess Moviment. Illum il-Moviment Ta' Kana jippossedi persuni kwalifikati li jmexxu kultant żmien kors ta' sentejn biex wieħed jilħaq *marriage counsellor.* Barra mis-servizz tal-*marriage counsellors* hemm ukoll s-servizz ta' psikologi kwalfikati. Jekk wieħed imbagħad irid isir counsellor u għalliem tal-metodu ta' l-ippjanar naturali tal-familja jrid ukoll jagħmel kors ta' preparazzjoni.

**Ftit snin ilu l-Moviment f'Għawdex ħaseb biex jibni u jattrezza ċentru għall-ħidma tiegħu. Min kienu l-persuni wara dan il-proġett? X'faċilitajiet joffri?**

Illum il-Moviment ta' Kana Għawdex jopera miċ-ċentru kbir tiegħu li jinsab fi Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat. Mill-bidu nett tal-ħidma tiegħu l-kumitat tal-Moviment ta' Għawdex ħaseb biex ikollu bini aktar adattat għall-ħidma tiegħu li kuljum kienet qed tikber. Infatti għal xi żmien il-Moviment kien jagħmel użu mis-sala Tas-Seminarju kif ukoll ta' l-Oratorju Don Bosco. Kienu ħafna l-persuni li ħadmu għal dan il-proġett però waqt il-bini tiegħu nsibu l-ewwelnett lill-Eċċ. Tiegħu Nikol G. Cauchi, li f'isem il-knisja t'Għawdex offra l-art b'xejn biex



fuqha jinbena ċ-ċentru. Oħrajn kienu Mons. Ġuseppi Buttiġieġ, is-sinjuri Ġuzeppi Micallef, Victor Farruġia, Pawlu Zammit, u l-Perit Joseph Dimech.

Illum fiċ-ċentru tal-Moviment isiru diversi ħidmiet. Isiru madwar 14-il kors ta' tħejjija għaż-żwieġ fis-sena lil madwar 160 koppja t'għarajjes; 10 korsijiet lil madwar 100 koppja fuq l-Ippjanar Naturali tal-familja; servizz ta' *counselling* tistà tgħid il-ġimgħa kollha; diversi support groups għan-nisa romol, għal dawk li adottaw u ser jaddottaw it-tfal, dawk li għandhom is-sieħeb tiegħu jew tagħha marid b'mard kroniku, għan-nisa separati u għal dawk il-koppji miżżewġin li m'għandhomx tfal; korsijiet lill-ġenituri fuq l-*parental skills* u l-eżerċizzi tar-Randan għall-koppji miżżewwġa u għall-koppji għarajjes. F'Għawdex insibu ukoll tliet gruppi li jagħmlu parti mill-Gruppi Familji Nsara.



Mons. Isqof Nikol Cauchi, waqt waħda mid-diversi laqgħat li jsiru fiċ-Ċentru



Tqassim taċ-Ċertifikati lil dawk li attendew il-Kors ta' Tħejjija għaż-Żwieġ 2000.

Madwar iċ-ċentru ta' Kana qiegħed dejjem jikber in-numru tal-familji. Minħabba f'hekk ċ-ċentru qed joffri wkoll xi ħidmiet għall-familji ta' dawn l-inħawi billi jorganizza kuljum quddiesa fil-għodu u oħra fil-għaxija, waqt li matul il-Ħadd isiru żewġ quddisiet fis-sala l-kbira. Bl-għajnuna ta' xi ġenituri qed joffri is-servizz tat-tagħlim tal-Katekiżmu lil madwar 60 tifel u tifla ta' din iż-zona.

**Kull sena l-Moviment fost attivitajiet oħra tiegħu jorganizza l-Premju Familja Qalb tad-deheb. Kemm ilu jiġi organizzat dan il-Premju u x'inhu l-għan tiegħu?**

Ta' kull sena, f'Jannar, il-Moviment jorganizza l-Ġimgħa tal-Familja li fost l-attivitajiet li jsiru nsibu l-Premju Familja Qalb tad-Deheb. Dan il-Premju ilu jingħata mis-sena 1971 u propju ta' din is-sena kienet it-tletin darba li qed jingħata. Il-familji rebbieħa kollha kienu, 10 min-Nadur, 7 mir-Rabat, 3 mill-Qala, 2 minn ta' Kerċem, 2 minn ta' Sannat, 2 mix-Xewkija 2 minn San Lawrenz, 1 mill-Munxar, 1 mill-Fontana, 1 mill-Għarb, u din is-sena mix-Xagħra.

Nitkellmu u nisimgħu ħafna fuq l-familja u fuq kemm familji qed jitkissru. Ħafna joqogħdu jippruvaw jaraw ir-raġunijiet għaliex qed jiġri dan lill-familji tagħna. Għalkemm dan il-metodu huwa validu, naħseb li aktar jaqbel li nħarsu lejn is-sitwazzjonijiet tal-familji b'mod pożittiv. Inħarsu lejn dawk il-ħafna familji Maltin u Għawdxin li huma tajbin, u f'saħħithom u naraw għaliex dawn il-familji minkejja l-problemi, id-diffikultajiet, slaleb u bdil fil-familji tagħhom baqgħu magħqudin xorta waħda. Familji li kienu lesti anki juru atti ta' erojiżmu fil-ħajja tagħhom. Familji bħal dawn għandhom ħafna x'jgħallmuna u jkunu ta' eżempju għall-familji l-oħra.

Il-Premju Familja Qalb tad-deheb infatti għandu dan l-iskop. Li juri kemm sagrifiċċji, imħabba u dedikazzjoni jsiru bejn l-erba' ħitan tad-dar, fil-familja, fis-skiet u b'sens ta' sagrifiċċju u ħafna drabi straordinarju u erojku. Familji li mhux biss jemmnu fil-valuri tal-familja imma propju qed jgħixu fil-prattika dawn il-valuri.

**X'proċedura hemm biex familja tintgħażel għal dan il-premju?**

Għall-bidu ta' Diċembru, nagħmlu sejħa lill-Arċiprieti, kappillani, l-Kunsilli Lokali u lill-għaqdiet biex jinnominaw dawk il-familji li jaħsbu li jimmeritaw dan il-Premju. Il-Familja nominata trid tkun waħda li matul is-sena li tkun għaddiet uriet xi att ta' erojizmu billi bagħqet sħiħa wara li sofriet xi sagrifiċċji kbar u straordinarji, jew li wriet xi att ta' altruwiżmu kbir b'xi għajnuna speċjali li tat li xi familja oħra fil-bżonn. Meta ngħidu

familja, mhux bilfors li l-ġenituri jkunu t-tnejn ħajjin.

**Kemm kien hemm familji din is-sena li ġew ippreżentati bħala kandidati għal dan il-premju? X'kienu l-motivi ta' l-għażla tal-familja ta' Mikelanġ u Rina Attard mix-Xagħra Għawdex?**

Wara li jintlaqgħu n-nominazzjoni tal-familji, jintgħażel il-kumitat apposta magħmul minn persuni li jaħdmu kemm mal-Moviment u oħrajn minn oqsma oħra tal-ħajja soċjali t' Għawdex. Dan il-kumitat imbagħad jagħżel dik il-familja rebbieħa. Għal din is-sena kien hemm 13 il-nominazzjoni. Nassigurak li kull familja nominata jkun jixirqilha dan il-premju u ta' kull sena l-kumitat, jiena ħafna drabi nkun parti minnu, ikollu verament biċċa xogħol iebsa biex jagħżel dik il-Familja biex tieħu l-Premju.



Bħal ma jaf kulħadd din is-sena l-Premju intrebaħ mill-Familja Attard mix-Xagħra u li kulħadd sema' bil-każ tagħhom li nxtered mad-dinja kollha. Din il-familja barra li bħall-familji nominati l-oħra baqgħet magħquda u sħiħa wara li sofriet is-slaleb tal-ħajja, uriet pubblikament mad-dinja kollha li hija marbuta mal-valuri tal-familja u ma sthatx turi l-valuri nsara tal-familja, li hija tħaddan.

**Bħala direttur tal-Moviment f'Għawdex, kif tħares lejn il-futur tal-familja Għawdxija? Xi sfidi qed taffronta?**

Il-familja Għawdxija tbiddlet ħafna miż-żmien ta' meta twaqqaf il-Moviment ta' Kana f'pajjizna. L-isfidi tal-familji tagħna żdiedu; kemm dawk li huma għall -intern tagħha, bħal mhuma s-sistemi tal-familji, ir-rwols tal-ġenituri, il-kommunikazzjoni, eċċ u l-*pressure* li tiġi minn barra l-familja. Il-*mass media* qed tippreżenta mudelli ġodda ta' familji li ħafna minnhom ma jirrispettaw xejn il-valuri nsara tal-familja. Għalhekk waqt li rridu nippreparaw dejjem aħjar l-koppji żgħażagħ għall-istat taż-żwieġ, jinħtieg li kollha kemm aħna noħolqu pastorali li biha nassistu l-koppji miżżewġin u ngħinuhom jgħixu l-valuri taż-żwieġ, speċjalment fid-diffikultajiet tal-ħajja.

SALVU CAMILLERI & SONS LTD.
(tan-Najsi)

Suppliers of
READY-MIX
CONCRETE
CRANE HIRE




Ready Mix Plant: 560346
Residence: 551485
Mobile: 099 5378
"Camilleri House", Belveder Street, Qala.

Vinyard
Bar & Restaurant



For Reservation and Enquiries
Mgarr Road, Victoria Gozo.
Tel. 559976 Tel/Fax: 556966

Caterers
for Special Events
like
Weddings,
Engagements,
Birthdays,
Baptisms,
Holy Communion,
Confirmation,
Staff Parties, etc.

Surrounded by mystical
Country Side,
The Vinyard Hall
has a capacity of
200 seating and
60 more seating
at the entrance garden

ABRAHAM'S
Supplies Co. Ltd.

Ser Tiżżewweġ?
Ħsibt għax-Xorb?
Mela asal wasla sa għand
Abraham's Supplies
Fejn għandek
issib għażla kbira
bi prezzijiet tajbin.
Offerta speċjali
ma kull ordni ta' Tieġ,
tingħata Dinner Set
bħala rigal

Gajdoru Str., Xaghra, Gozo.
Tel: 563231 Fax: 560952

Villa Fiorita
Wedding Hall
Celebrate your special
occasion in
style at
Villa Fiorita



Tel: 562507 • Res.: 552837

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY



For Cakes, Gateau,
Pastries & Confectionery



Jesmond & Maryanne Borg
55, St. Joseph Sqr.,
Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277



# X'sens fih li ssum?

## It-Tifsira tas-Sawm

*Miktub minn*
*Achille Degeest O.F.M.*

*Maqlub għall-Malti minn*
*Geoffrey G. Attard*

Aħna kważi ma nafu xejn dwar il-profeta Ġoel għajr li kellu rabta mal-perijodu twil tar-restawrazzjoni ta' Ġerusalemm wara l-eżilju, u li l-messaġġ tiegħu huwa prinċipalment konċernat max-xewqa li jreġġa' lura l-poplu għall-osservanza fil-qasam ta 'l-adorazzjoni lil Alla. Hawnhekk il-profeta qed jipproklama sawma sabiex tinġieb fi tmiemha l-pjaga li kienet ħakmet il-pajjiż permezz tal-ġurati: imma lil hemm minn dan l-objettiv immedjat hu jimmanifesta sejħa għall-attitudni nterjuri lejn Alla: "Irrendu lil qlubkom mhux lil ħwejjiġkom u duru lejn il-Mulej Alla tagħkom". Il-penitent jibqa' "konvertit" , bniedem li jirritorna, li jirritorna kontinwament u li qatt ma jkun skoraġġit, imma jirritorna personalment lejn Alla.

Is-sawm ifissier li aħna rridu nqiegħdu lilna nfusna għad-dispożizzjoni ta' Alla, waqt li bil-libertà kollha nneħħu minn quddiemna dak kollu li jimpedixxi s-sens ta' disponibilità u prontezza. Dan it-tip ta' sawm m'huwiex biss sforz spiritwali imma wkoll azzjoni tal-ġisem għax il-bniedem, magħmul minn ġisem u ruħ, jingħata lil Alla bl-esseri sħiħ tiegħu. Li timmaġina azzjoni purament reliġjuża spiritwali hija biss illużjoni. Huwa dejjem il-"bniedem" fl-għaqda tal-esseri korporali u spiritwali tiegħu li Alla jqisu bħala interlokutur validu. Dan għandu jwassal biex nifhmu sewwa l-profondita' realistika ta' l-azzjoni tas-sawm, minkejja li l-moħħ modern m'huwiex f'armonija ma' dan.

*Għaliex u kif insumu?*

Għalfejn insumu? Il-Bibbja kollha twieġeb: biex tesprimi quddiem Alla umilta', tama u mħabba. It-tradizzjoni tal-Knisja fuq din it-tema għandha l-għajn tagħha fil-Bibbja. Ir-reliġjonijiet il-kbar jagħtu l-istess tweġiba, l-espressjoni istintiva tal-bniedem li jieqaf quddiem Alla bħala ħlejqa dipendenti u debboli. L-att tas-sawm jesprimi u jfisser li aħna nirrifjutaw li nistabilixxu lilna nfusna bħala suffiċjenti fina nfusna, li aħna ma nqegħdux it-tama tagħna fi ħwejjeġ temporali, li aħna nfittxu f'dak li mhuwiex materjali t-tweġiba għall-bżonnijiet profondi ta' qalbna, li aħna rridu nibqgħu ħielsa. L-idea ta' ħelsien tfisser disponibilità sabiex niltaqgħu ma' Alla.

Kif issum? Il-Bibbja tpoġġi l-mistoqsija fuq żewġ livelli, il-persunali u dak komunali. Fuq il-livell personali, is-sawm huwa restrizzjoni fuq l-ikel, astensjoni minn relazzjonijiet konjugali u ċaħda voluntarja minn gratifikazzjonijiet mhux neċessarji. Fuq il-pjan komunali, is-sawm huwa waqt li jwassal għat-talb, sabiex wieħed jiftaħ moħħu u qalbu għall-Mulej li lejh nindirizzaw it-talb tagħna.

Ġesu' jgħidilna li s-sawm m'għandux isir mezz sabiex in-nies jammirawna. Diskrezzjoni u ferħ jridu jgeżwru s-sawm tagħna. Is-sawm għandu valur pożittiv; l-aspett tiegħu ta' ċaħda jillibera l-intenzjoni tagħna li nħobbu lil Alla iżjed u biex inħobbu aktar lill-proxxmu tagħna. Mela, dawn huma żewġ virtujiet li normalment jakkumpanjaw is-sawm; it-talb, li jfisser imħabba lejn Alla, u l-għoti tal-karita' li tfisser l-imħabba tagħna lejn il-proxxmu.

*Jikteb Mons. Lawrenz Sciberras*

# L-Għalqa tad-Demm
(Mt. 27; 8)

*L-evanġelista Mattew fir-rakkont tal-Passjoni ta' Ġesu' għandu diversi dettalji li jagħtihom huwa biss u waħdu. Nafu li Mattew kiteb il-vanġelu tiegħu lill-komunita' ta' nisel Lhudi, aktarx fis-Sirja, nies li jitkellmu bl-Aramajk, allura dawk id-dettalji mibnijin fuq it-Testment il-Qadim faċilment kienu jifhmuhom. Mattew ma kellux għalfejn joqgħod ifisser u jidħol fl-irqaqat ta' dettalji oħra.*

*Ġuda fis-Santwarju*

Wieħed minn dawn il-każijiet miktuba b'kuluri ħajjin ħafna hija l-imġieba ta' Ġuda t-traditur wara li nidem għal dak li kien għadu kif għamel. Barra dan hemm ukoll ir-reazzjoni iebsa tal-membri tas-Sinedriju meta tfaċċa ma' wiċċhom Ġuda kollu mifxul u rrabjat għal dak li kien għamel. Ix-xena tkompli tikber u toħroġ fl-aqwa tagħha meta wieħed jiftakar fejn saret. Ġrat xi ħaġa quddiem għajnejn il-qassisin il-kbar li qatt ma ħolmuha f'għomorhom kollu. Ġuda waddab il-flus fis-SANTWARJU - *ton naon*. Dan ifisser fil-parti l-aktar qaddisa li kellu t-tempju ta' Ġerusalemm. Preċiżament dik il-parti ta' ġewwa nett, għorfa żgħira u mudlama. Hemm ġew il-qassis il-kbir kien jidħol darba biss fis-sena bid-demm tal-bodbod biex iroxxu l-ewwel fuq il-propizjatorju, l-għatu ta' fuq l-arka tal-Patt, imbagħad kollu biża' hemm ġew stess jippronunċja l-isem adorabbli u qaddis ta' Alla.

Issa dawk il-qassisin il-kbar xi darba f'ħajjithom kienu daħlu fost biża' u tregħid kbir hemm fis-santwarju. Din kienet waħda mix-xewqat ta' kull qassis il-kbir. L-okkażjoni kienet nhar il-festa ta' l-Espjazzjoni, il-*Yom Kippur*. Issa dawn l-imgħallmin tal-liġi qegħdin jaraw lil Ġuda mifxul, imħawwad u ddisprat, xagħru mqanfed u mqajjem daqs ir-rizzi ma jafx fejn se jagħti rasu, jgħajjat u jeħodha magħhom, ixejjer il-borża mimlija bit-tletin biċċa tal-flus f'idejh, f'leħħa ta' berqa jitla' l-ħmistax-il tarġa, bil-ħerra jifred il-purtiera, jidħol fin-nava tan-nofs, fejn kien hemm l-altar ta' l-inċens, il-mejda bi tnax-il ħobża tal-preżenza u l-kandelabru b'seba' friegħi, jiftaħ it-tieni purtiera u jibqa' dieħel u jasal sas-Santwarju, u b'rabja kbira jarmi l-flus hemm ġew! Issa l-Lhud kienu jemmnu li fis-Santwarju hemm il-preżenza ta' Alla, il-Kavod, ħadd ma kien joħlom biss li jersaq sa hemm. Issa qegħdin jaraw lil Ġuda l-Iskarjota, dak li ftit jiem biss qabel sar il-ftehim miegħu dwar Ġesu', issa qed jagħmel dik ix-xena tal-biża', jarmi u jvenven 'il ġewwa il-borża bil-flus ġo fiha.

Il-qassisin il-kbar u magħhom kien hemm is-Sadduċej, semgħu lil Ġuda jgħid dawk il-kelmiet tqal: "*Dnibt għax ittradejt demm bla ħtija*" (Mt 27; 4). Kliem li seta' weġġagħhom ħafna lil dawn il-Lhud.

*Prezz ta' Skjav*

Il-kapijiet li magħhom Ġuda għamel

in-negozju nfami, kienu jafu kemm kien fiha flus dik il-borża, *"tletin biċċa tal-fidda"*, mela l-prezz ta' skjav. Fl-Eżodu 21, 31 hemm miktub dan il-prezz speċifiku. Il-każ jista' jkun hekk: Meta barri joqtol xi skjav li dan ikun jaħdem bih, sid il-barri huwa obbligat li jħallas lil sid l-iskjav is-somma ta' tletin biċċa tal-fidda. Jista' jkun għalhekk li l-qassisin il-kbar ftakru f'din il-liġi miktuba u sabiex juru dekkem kemm huma josservaw il-liġi, offrew lil Ġuda l-istess prezz. Jista' jkun ukoll li għamlu hekk sabiex jistmaw lil Ġesu' bl-inqas prezz, jiġifieri dak ta' skjav. San Mattew isaħħaħ din il-ġrajja billi jikkwota t-Testment il-Qadim: *"U ħadu t-tletin biċċa tal-fidda, il-prezz ta' dak li kien stmat bil-prezz mogħti minn ulied Iżrael, u tawhom għall-għalqa ta' ħaddiem il-fuħħar, kif ikkmandani l-Mulej"* (Mt 27; 9-10)

Ir-reazzjoni tal-qassisin u ta' kull min kien hemm jara dix-xena kienet waħda li titlob ħsieb u għaqal kbir tant li huma dritt ikkonkludew: *"Dawn il-flus ma nistgħux inqegħduhom ma' l-offerti"*. Il-membri tas-Sinedriju kienu jafu li skond Dewteronomju 23, 19, huma ma setgħux jaċċettaw flus għall-offerti tal-maqdes li kienu ġejjin minn qligħ ħażin bħal ngħidu aħna serq, inġustizzji, qtil, ingann u l-bqija. Issa t-test grieg għall-kelma *"offerti"* jaqra ***korbanas.*** U xi tfisser il-kelma griega *"korbanas"*? Dawn huma l-flus li jixħtu l-pellegrini fil-kaxxi mqiegħda apposta, biex minnhom issir il-manutenzjoni tat-tempju. Barra dan, mill-flus tal-*"korbanas"* il-kapijiet tat-tempju kienu jixtru l-ħrief biex joffruhom olokawst lil Alla. Dan is-sagrifiċċju jissejjaħ *"tamid"* u jsir wieħed fil-għodu u l-ieħor fil-għasar. U Ġesu, il-ĦARUF bla ħtija u bla tebgħa, jiġi mibjugħ u mħallas mill-istess flus tal-*"korbanas"* li minnhom kienu jinxtraw il-ħrief għas-sagrifiċċji ta' kuljum.

**Il-*"Hakeldama"***

Il-qassisin il-kbar, issa li warrbu l-ewwel ħsieb minn moħħhom, sabu t-triq tan-nofs x'jagħmlu bil-flus. **Il-festa ta' l-Għid *Pesah*, flimkien ma' Għid il-Ħamsin *Shavuoth* u l-Għerejjex, *Sukkoth*** kienu t-tliet festi tal-pellegrinaġġi. In-numru ta' pellegrini li jitilgħu Ġerusalemm għal dawn il-festi kien wieħed kbir tassew. Dawn iż-żminijiet, pellegrinaġġ kien jieħu fit-tul, bosta jiem ta' mixi iebes qalb ħafna u ħafna diffikultajiet jekk mhux ukoll perikli ta' ħallelin u bhejjem selvaġġi. Għalhekk mhux wieħed u tnejn minn dawn il-pellegrini kienu jimirdu, jekk mhux ukoll imutu hemm. J. Jeremias fil-ktieb tiegħu *"Jerusalem in the Times of Jesus"* jgħid li t-tempju kien jaħseb ukoll għat-tobba biex jikkuraw il-pellegrini dejjem jekk jimirdu.

U jekk imutu? Min sa jieħu ħsiebhom? U fuq kollox iktar u iktar jekk ikunu Proseliti, fejn sa jindifnu? Għalhekk il-qassisin il-kbar, f'dak il-waqt ta' konflitt, x'sa jagħmlu bil-flus ta' Ġuda, iddeċidew li jixtru biċċa għalqa biex din isservi għad-difna ta' dawn il-pellegrini. U billi aktarx li dan il-ħabel raba' kien wieħed ħawli, minħabba li kien fih ħafna ġebel u xaqquf u deffun, din il-għalqa ġiet imsejħa tal-FUĦĦARI. Iżda l-kelma vera li tolqot il-musmar fuq rasu hija Hakeldama (Mt 27; 8) Din hija kelma Lhudija jew Aramajka, komposta minn żewġ kelmiet; *"ħakel"* li bi lsienna hija għalqa u *"dama"* li tfisser demm.

U għaliex tawha dan l-isem speċifiku? Għaliex dawk it-tletin biċċa tal-fidda kienu l-prezz ta' Ġesu', skjav. Imma f'tifsira teoloġika wkoll għax b'demmu Ġesu ħallas il-prezz tal-fidwa tagħna.


BUGEJA




FISH MARKET
*Fish Supplies*

MGARR ROAD GHAJNSIELEM - GOZO
Tel: 560686 / 555668
• Telecell: 099 3661 • Res: 551389



# *Inawgurazzjoni U Tberik Ta' Monument*
## f'ġieħ Sant'Anton Abbati
### fix-Xagħra

Nhar il-Ħadd, 21 ta' Jannar, ġew iċċelebrati festi speċjali f'ġieħ Sant'Anton Abbati fil-parroċċa tax-Xagħra, Għawdex.

Wara quddiesa konċelebrata minn Mons. Isqof Nikol G. Cauchi fil-Bażilika ta' Marija Bambina, l-istatwa titulari ta' Sant'Anton Abbati twasslet f'purċissjoni fil-pjazza li ġġib isem l-istess qaddis bis-sehem tal-konfraternita' ta' Sant'Anton Abbati tar-Rabat, Malta u l-Banda "Victory".

Fi pjazza Sant'Anton saret ċerimonja li fiha ġie inawgurat monument f'ġieħ Sant'Anton Abbati. Il-Kan. Carmelo Refalo, Arċipriet tal-Qala għamel diskors ta' l-okkażjoni. Il-monument ġie nawgurat minn Dr. Eddie Fenech Adami, Prim Ministru, akkumpanjat mis-Sur Anthony Attard, Sindku tax-Xagħra. It-tberik tal-monument sar minn Mons.Isqof Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Charles Arrigo anima ċ-ċerimonja.

Dan il-monument twaqqaf bl-inizjattiva tal-Kan. Dun Ġwann Sultana, Rettur tal-Knisja ta' Sant'Anton Abbati, b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Xagħra li ħallas l-ispejjes tal-pedestall.

L-istatwa monumentali hija maħduma fil-ġebla Maltija mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi, fil-waqt li Raymond Bonello ħadem il-pedestall fil-ġebla tal-qawwi. Il-ħadid ta' madwar il-monument huwa xogħol ta' Carmel Magrin.

Fl-istess okkażjoni l-Isqof t'Għawdex poġġa salib tad-deheb fuq il-mant ta' l-istatwa titulari ta' Sant'Anton Abbati b'tifkira tal-Ġublew il-Kbir. Is-salib, xogħol fid-deheb ta' Tarċisio Cassar, tbierek mill-Q.T. il-Papa Ġwani Pawlu II fil-Belt tal-Vatikan nhar it-3 ta' Jannar ta' din is-sena.

Wara sar tberik tradizzjonali ta' l-annimali. Mijiet ta' nies bierku l-annimali tagħhom minn żwiemel sa għasafar.



*Poeżiji ta' Joe W. Psaila*

# *" FOR THE RECORD "*

*Jiena għext f' dil-gżira meta*
*Sema ikħal kien jinħall*
*Ġewwa baħar bl-għabex jibdlu*
*F' ġawhra kbira tal-kristall.*

*Jiena għext f' dil-gżira meta*
*Żiffa ħelwa mill-għoljiet*
*Kienet tinżel ġo l-irħula*
*Tfarra' s-sagħtar fil-fwejħiet.*



*Jiena għext f' dil-gżira meta*
*Tfajla mqanqla fiż-żgħożija*
*Ma' kull ħarsa u tbissima*
*Kellha xrara ta' mistħija.*

*Jiena għext f' dil-gżira meta*
*Għal kull ġebla f' ħajt sejjieħ*
*Kien hemm għożża kotidjana,*
*Għax lill-bidwi hi taqdih*

*Biex jindokra lill-ħamrija,*
*Fejn f' kull tuba hemmm l-għixien,*
*U mbagħad f' April tinbidel*
*B' seher, ġo mużajk ta' lwien.*

*Jiena għext f' dil-gżira meta*
*Kull qampiena fil-kampnar*
*Bl-Ave ssellem kull fil-għodu*
*Fil-għaxija u f' nofsinhar.*

*Meta għext fi' dil-gżira kienu*
*Isemmu t-tfal għall-qaddisin,*
*U jgħallmuhom l-ewwel bewsa*
*Kif jagħtuha lill-Bambin.*

*Jiena għext f' dil-gżira meta*
*Kien kull jedd dmir sagrosant,*
*U l-imħabba sagrifiċċju,*
*Tagħti dejjem, tieħu b' tant.*

*Jiena għext f' dil-gżira meta*
*Kien ix-xogħol isir id f' id ...*
*X' ġara lbieraħ, kien imn' Alla,*
*X' jiġri għada, 'kk Alla jrid.*

## *MUCCA PAZZA FIHA E-MAIL??*

*Il-bniedem lest li jlaqqam*
*Ħa jżomm il-kumdità*
*Fil-gwerra li qed joħloq*
*Natura - Umanità.*



*Jekk ngħawġu l-konfini,*
*Ingerfxu l-qisien,*
*Inniġġsu l-art u l-baħar,*
*Inħarbtu l-ħolqien,*
*Niġġen uk*
*:Jien*
*nen oll.*

*'kk inbagħbsu l-kromosomi,*
*Inħabblu l-armonija,*
*Xħin l-arja mdardra nerdgħu*
*Nintebħu għalenija,*
*Li l- 'madcow' hi f' sensiha.*

**Riflessjonijet miġbura minn A.C.M.**

# *L-Ittra Apostolika tal-Papa f'Egħluq il-Ġublew*

# "Fil-Bidu ta' Millennju Ġdid"

*Qed inġibu s-7 punti mit-tielet parti ta' din l-Ittra tal-Papa, u wara qed nagħmlu referenzi għall-Pjan Pastorali tad-Djoċesi t'Għawdex li jgħinuna npoġġu fil-prattika x-xewqat tal-Papa kif imsemmija fl-ittra tiegħu*



## *Il-Qdusija*

1

"L-ewwel ħtieġa pastorali urġenti hi l-Qdusija.
"Kulħadd huwa msejjaħ għall-Qdusija" *(Lumen Gentium, n. 5)*
Il-Qdusija tagħkom hija don u impenn.
"Dan irid Alla minnkom: Il-Qdusija tagħkom" *(1 Tess 4:33)*
Inpoġġu quddiem għajnejna d-diskors tal-muntanja:
"Kunu perfetti bħalma perfett hu missierkom" *(Mt. 3.45)*"

**Pjan Pastorali:** Irtiri *p. 92*; Saltna t'Alla *p. 106*; Kristu *p. 97*; Formazzjoni *p. 88-89*.



## *It-Talb*

2

"Ibqgħu fija u jiena nibqa' fikom" *(Ġw. 15.4)*
Hawn tinsab is-sustanza u r-ruħ tal-ħajja nisranija.
Talb personali u talb liturġiku.
Edukazzjoni fl-arti tat-Talb: Salmi, Lawdi, Vespri, u Devozzjonijiet Popolari."

**Pjan Pastorali:** Talb *p. 108*; Liturġija *p. 97*; Reliġjożità popolari *p. 105*.



## *Il-Quddiesa tal-Ħadd*

3

"Il-Ħadd għandu jkun *Jum Speċjali ta' Fidi* li jfakkarna fl-Għid ta' Kristu
Il-Quddiesa għandha tkun iċ-ċentru tal-Ħadd.
Il-Quddiesa tal-Ħadd hi dmir fundamentali.
Il-Liturġija hija *"l-quċċata"* u *"l-għajn"* tal-ħajja tal-Knisja"

**Pjan Pastorali:** Jum il-Mulej *p. 93*; Quddiesa tal-Ħadd *p. 104*; Liturġija *p. 97-99*.



## *Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni*

4

"Nippreżentaw b'mod persważiv u effettiv t-tagħlim u l-prattika tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.
Niskopru mill-ġdid fis-Sagrament tal-Qrar, *"il-Wiċċ kollu ħniena ta' Kristu"*.
Il-Qrar huwa *"l-mezz ordinarju biex niksbu l-maħfra ta' dnubietna"*"

**Pjan Pastorali:** Qrar *p. 103*.

*Naqraw dawn iż-żewġ dokumenti*

**L-ittra tal-Papa *"Novo Millennio Ineunte"* - *"Fil-Bidu ta' Millenju Ġdid"***

**- dak id-dokument li l-Papa nnifsu sejjaħlu *"Post Jubilee Pastoral Plan"***

**Il-Pjan Pastorali għal Għawdex *"Evanġelizzazzjoni Ġdida fil-Bidu ta' Millenju Ġdid"***

**Żgur li x'ħin naqrawhom, nitħeġġu biex inwettqu dak li jrid il-Papa, jiġifieri "li nerġgħu nibdew minn Kristu" u "naqdfu 'l barra fil-fond".**



## *Il-Primat tal-Grazzja* 5

"Mingħajr Kristu ma nistgħu nagħmlu xejn" *(Ġw. 15.5))*

Ir-riżultat tal-ħidma ma jiddependix mill-kapaċità u mill-ippjanar tagħna, iżda mill-għajnuna ta' Alla.

L-ewwel il-ħajja interjuri, u magħha l-attività.

L-ewwel il-qdusija, u magħha l-apostolat.

**Pjan Pastorali:** Is-Saltna t'Alla *p. 106*; Formazzjoni *p. 88-89;* Kristu *p. 97.*



## *Is-Smigħ tal-Kelma t'Alla* 6

Ma nistgħux nitqaddsu mingħajr Smigħ tal-Kelma t'Alla.

Kull familja għandu jkollha l-Bibbja.

Il-*Lectio Divina*: Nimmeditaw il-Kelma t'Alla biex inħalluha tgħarbilna, tmexxina u ssawrilna ħajjitna.

**Pjan Pastorali:** Il-Kelma t'Alla *p. 95*; Skrittura *p. 107.*



## *Ix-Xandir tal-Kelma t'Alla* 7

Il-prijorità tal-Knisja fil-Millenju l-ġdid:
- nitmantnew bil-Kelma t'Alla
- biex imbagħad insiru "Qaddejja" u "Xandara" tal-Kelma"

**Evanġelizzazzjoni l-Ġdida**

Nitkebbsu bl-istess entużjażmu u ħeġġa li biha xandru l-Appostli wara Pentekoste.

Kulħadd għandu jħoss ruħu mpenjat fil-ħidma ta' l-evanġelizzazzjoni.

Nilħqu lil kulħadd: kbar, familji, żgħażagħ u tfal.

Naħsbu għall-kura pastorali taż-żgħażagħ.

**Pjan Pastorali:** Katekesi *p. 93-94*; Pastorali *p. 102;* Knisja *p. 111-114.*

BOOKMARK

**Kevin J. Hanlon, "PAWLU, Ragħaj għall-Komunitatijiet ta' Żminijetna"**
***Lumen Christi Publications.*** **Traduzzjoni ta' Geoffrey G. Attard, 96 paġna, Lm 1.75c.**

# *Ktieb Pawlin b'Differenza*

Għadu kemm ġie ppublikat ktieb li jagħmel unur lil min kitbu, dwar Missierna San Pawl. Jien ktibt diversi drabi dwar l-Appostlu Missierna u qrajt ħafna kotba dwaru, imma dan il-ktieb saħħarni. Mhuwiex xi ktieb għall-istudjużi, b'ħafna noti li jdejqu, xenxil li joskura flok li jiċċara u elementi oħra li wieħed isib f'xi kotba. Hu ktieb maħdum tajjeb, bi stil modern u ċar kemm jista' jkun. L-awtur kellu x-xorti jsib ukoll traduttur tajjeb, li baqa' fidil lejh bi traduzzjoni li ma dalmitx l-ideat ċari tal-ktieb.




Il-ktieb hu stampat fuq karta fina, b'tipi ċari, u mlibbes b'kopertina attraenti. Kull ma fih il-ktieb jagħmel unur lid-dar editriċi tiegħu, u jien żgur li meta l-awtur jarah, jgħid li Għawdex iħabbatha ma' pajjiżi kbar f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istampa.

Min jaqrah, mill-ewwel jintebaħ li l-awtur hu midħla sewwa ta' l-Appostlu. Fl-erbatax-il kapitlu tal-ktieb l-awtur jinseġ il-ħajja ta' Pawlu mat-tagħlim profond tiegħu b'enfasi fuq dak li l-aktar jinteressa lill-ħajja tan-nisrani u tal-knisja ta' llum. Jagħtina ritratt mill-isbaħ ta' Pawlu bħala ragħaj spiritwali ppreżentat għal żminijietna. Hanlon iqiegħed lil Pawlu fl-ambjent ta' żmienna, jgħidilna xi jrid Kristu mir-Rgħajja tagħna, mill-Parroċċi tagħna, mill-komunitajiet u l-għaqdiet insara ta' pajjiżna, u ta' kull wieħed minna.

Fi kliem ieħor, l-awtur jagħti ħajja lit-tagħlim ta' l-Appostlu u jniżżlu minn fuq l-ixkaffa ta' l-għorrief għall-ħajja ta' kull nisrani, tajjeb jew ħażin. Dan jagħmlu b'riferenzi f'waqthom għal xi dokumenti tal-Papa u tal-Konċilju Vatikan II. Diversi drabi jċanfar bi kliem ħelu n-nuqqasijiet ta' xi nsara u xi parroċċi; per eżempju, il-firdiet ta' natura soċjali, politika u reliġjuża, kif dehru f'Korintu ta' żmien Pawlu, u kif għadhom jidhru 'l hawn u 'l hemm fid-dinja. Isemmi l-bruda li ddgħajjef il-Knisja ta' Kristu, id-dnubiet tas-sess li jgħerru l-bniedem, l-effetti tal-permessiviżmu, dak li hu tajjeb imma wkoll xi perikli li jistgħu jinbtu f'xi għaqdiet Kattoliċi ta' llum.

Naħseb li l-ktieb ma jdumx ma jkollu t-tieni edizzjoni li fiha nkun nixtieq xi tagħrif fil-qosor dwar il-ħajja ta' dan l-awtur, li qatt ma kont smajt bih u li tant għoġobni. Jidher li hu professur tal-Bibbja b'ħażna ta' esperjenza pastorali.

Nagħlaq billi nisħaq fuq is-siwi ta' dan il-ktieb: ikun ta' siwi kbir għall-kappillani, għal kull parroċċa u għaqda, u għal kull min għandu x'jaqsam mal-kura ta' l-erwieħ. Din hi x-xewqa ta' l-awtur stess, imniżżla 'l hawn u 'l hemm fil-ktieb, u nżid ngħid li ktieb bħal dan jiswa żgur ta' ġid kbir lil kulħadd.

*Patri Guido Schembri Ofm.*

## Frenċ ta' l-Għarb - 3

# Jagħti pariri ta' ġid spiritwali

**jikteb Angelo Xuereb**



*Bieba ta' mandra fejn Frenċ ġie li kellem lin-nies*

Frenċ tal-Għarb kien konxju li dawk r-riżultati li kien qiegħed jikseb ma kinux frott ta' l-intelligenza tiegħu iżda tal-ħidma t'Alla fih. Darba meta ġie mistoqsi għaliex it-taħlitiet u l-pariri ma jniżżilhomx bil-miktub huwa rrisponda:"Jien naħseb li dak li għallimni għadu ħaj u ma jmut qatt". Bla dubju ta' xejn huwa kien qiegħed jirreferi għal Alla u l-Madonna ta' Pinu. Huwa kien konxju li r-riżultati li kien qiegħed jikseb kienu qegħdin isiru bil-qawwa t'Alla. Għalih il-fejqan li kien qiegħed isir permezz tiegħu kien qiegħed jagħmlu Alla u l-ħallieq kien kapaċi jqajjem xi ħadd ieħor bħalu. Verament naraw fih il-bniedem t'Alla mimli b'umiltà mill-aktar kbira. Infatti l-Agostinjan Patri Martinjan Cutajar, kiteb li Frenċ kellu l-qawwa li jara l-istat spiritwali tal-persuni u għalhekk ġie li ċanfar xi persuni li ma kinux qegħdin jgħixu ħajja moralment tajba.

Mariġwann Galea li kienet ħafna qrib ta' Frenċ tgħidilna li huwa seta' jara l-ħsibijiet l-aktar intimi li kienu jinkwetaw l-persuni li kienu jmorru għandu kemm fir-ruħ u kemm fil-ġisem. Prova oħra li l-ħidma tiegħu kienet ġejja mingħand Alla kienet li huwa qatt ma fittex il-popolarità iżda għamel kollox għall-akbar glorja t'Alla. Infatti huwa ġie li aċċetta xi rigali żgħar bħal xi kuruna tar-Ružarju iżda meta aċċetta xi flus dawn kienu kollha jmorru għas-santwarju ta' Pinu. Meta xi persuni li kienu qegħdin jgħixu ħajja ħażina rrikorrew lejh, huwa kemm-il darba ma riedx iwiegħed fejqan jekk dak li jkun ma jagħmilx ħiltu biex jersaq lejn Alla. Nisimgħu każ wieħed. Lil wieħed li kien jimxi bil-krozzi, Frenċ qallu, "*Jekk għandek rieda tajba, tfiq. Imma qabel, mur Ta' Pinu, sib saċerdot itlob maħfra lil Alla u l-Madonna tfejqek*". Dan mar iqerr f'Ta Pinu u talab lill-Madonna sabiex tidħol għalih. Meta qam huwa nduna li seta' jimxi mingħajr il-krozzi.

Darba raġel li kien ilu marid ħafna qallu, "*Biex tfiq, trid tħalli l-vizzju li għandek!*" F'każ ieħor Frenċ qal: "*Int għal xejn iddur it-tobba għax il-marda li għandek ma hix tat-tobba: hemm bżonn li taqta' l-vizzji li għandek u tqiegħed ruħek sewwa ma' Alla; imbagħad tfiq!*"

B'dawn il-ftit eżempji naraw kemm il-kura li kien jagħti bil-ħxejjex kienet immirata għall-waħda ogħla: il-ġid spiritwali ta' dawk li kienu jmorru għandu biex jersqu lejn Alla u lejn il-Madonna.

***Din is-sensiela hi msejjsa fuq il-kotba ta' Mgr. Joseph Bezzina u Patri Alexander Bonnici OFM. Conv.***

NAMASTE
AUTHENTIC INDIAN CUISINE
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo. Tel: 561619

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# Il-Funeral tax-Xwejjaħ Feliċ

Novella ta' Mons. Salv Borg



Bħala deffien rajt elf tip ta' funeral. Rajt għonja u foqra, xjuħ għakka u trabi ta' ftit xhur, jiġu midfuna fost l-ilfiq kiebi tal-familjari. Iżda fl-ebda funeral ma ħassejtni mqanqal b'emozzjoni liema bħala daqs dak in-nhar meta l-Kappillan Dun Spedit mexxa fil-knisja parrokkjali qadima l-funeral tax-xwejjaħ Feliċ.

Dan Feliċ nista' ngħid bla ebda misthija kien l-aktar bniedem mibgħud fost l-irġiel u n-nisa kollha tar-raħal tagħna.

Jum minnhom, niftakar kien il-Ħamis fil-għaxija, daħal fil-ħanut tiegħi s-Sur Busietta, is-Sindku tar-raħal tagħna u qalli li x-xwejjaħ Feliċ kienu sabuh mejjet fid-dar tiegħu, jekk qatt dak id-daqsxejn ta' gorboġ seta' qatt jissejjaħ dar. Staqsieni jekk għandniex nagħmlulu funeral bħal ħaddieħor, peress li l-Kunsill Lokali kien jidħol hu biex jorganizza funeral f'xi mewt ta' xi ħadd li ma kellu 'l-ħadd jiġi minnu.

Jiena m'għandix ħajta f'ilsieni. Għidtlu mill-ewwel li kien xieraq li jsirlu funeral, u funeral mill-aqwa, peress li kienu ħafna dawk in-nies li joqogħdu fir-raħal tagħna li lil Feliċ ma kinux iniżżluh. Tista' tgħid kollha kemm huma kellhom seba' mitt sena sakemm jarawh mejjet u midfun.

Feliċ kien qatta' ħajtu f'daqsxejn ta' gorboġ f'nofs l-għelieqi,'il barra mir-raħal. Kien jgħix waħdu...... għajr xi ħames jew sitt iklieb ta' qattagħni li kienu jwennsuh huma. Ħadd ma kien jersaq lejn

it-territorju tiegħu. Kull ġimgħa kien jinżel sar-raħal biex jixtri l-ħtiġijiet tiegħu.... imbagħad kien jgħaddi sal-ħanut ta' l-inbid ta' Kurċifissa u jisker. Kien bniedem tal-ġlied. Ħadd ma kien jasal biex jirraġuna jew jiddiskuti miegħu. Wieħed wieħed in-nies kollha tar-raħal daru kontrih. Sar magħruf bħala l-bniedem li jobgħod lil kulħadd.

Ħadd qatt ma raħ il-knisja, iżda xorta waħda ħassejtni obbligat li nkellem lill-Kappillan biex imexxi l-funeral hu. Ser tkun f'qagħda mwiegħra, għidtlu. "Emminni ma nafx x'tajjeb tista' ssib fih! Il-Kappillan, ruħ twajba, weġibni li ma jaf lil ħadd li ma għandu xejn x'jgħid għalih!

L-għada filgħodu l-Kappillan ġie miegħi għand Kurċifissa tal-ħanut ta' l-inbid. Domna xi ftit nitkellmu magħha. *"Taf b'xi kwalità tajba fil-karattru tax-xwejjaħ Feliċ?"* staqsa l-Kappillan.

Il-mara donnha nħasdet b'din il-mistoqsija. Ma stennithiex. Iżda mbagħad biddlet il-bixra ta' wiċċha. "*Qed nieħu gost li staqsejtni din il-mistoqsija. Issa la darba ħalliena, nista'ngħidilkom is-sigriet tiegħu*". Minn taħt il-bank tax-xorb ħarġet daqsxejn ta' kaxxa. "*Għal snin twal, ix-xwejjaħ Feliċ kien jiekol hawn kull darba li kien jinżel biex jixtri l-ħtiġijiet tiegħu. Kull darba kien iħallili xi flus biex inżommhom ħalli mbagħad fi żmien il-Milied nagħti rigal lit-tfal foqra li żgur kienu jkunu ġejjin minn familji foqra tar-raħal. Iżda rabatni b'sigriet li ma ngħid lil ħadd min kien qed iħallas għal dawk ir-rigali. Ara, fil-kaxxa diġa għandi madwar sitta u ħamsin lira!*"

L-għada sar il-funeral tax-xwejjaħ Feliċ. Il-knisja kienet mimlija daqs bajda. Il-Kappillan kien talab lis-Surmast ta' l-iskola tar-raħal biex iħalli lit-tfal jiġu għall-funeral. Meta t-tfal sabu posthom, il-Kappillan ta bidu għal quddiesa. X'ħin wasal il-ħin ta' l-Omelija, l-Kappillan dar lejn it-tebut, f'nofs il-Knisja u qallu: "*Feliċ, ftit ieħor u nidfnuk! Illum inġabru ħafna nies hawnhekk fil-knisja, iżda ibqa' ċert li ftit minnhom jiddispjaċihom li inti mitt u tlaqt. It-tebut tiegħek mhux imżejjen. Ħadd ma ġieh f'moħħu li jiġbor anke warda ċkejkna li tikber ma' ġenb it-triq u jagħmilha fuq tebutek. Iżda Feliċ, emminni, jiena qatt għadni ma dfint lil ħadd li ma kellux ta' lanqas kuruna tal-ward fuq it-tebut tiegħu. U ibqa' ċert, Feliċ, li mhux ser nagħmel eċċezzjoni miegħek. Anke inti għandek ħbieb hawnhekk..... għad li huma ma jafux li int ħabib tagħhom*".

F'dak il-waqt, il-Kappillan dar fuq it-tfal. Staqsiehom jekk qattx xi ħadd minnhom irċieva rigal fil-ġranet tal-Milied..... xi rigal mingħand xi ħabib mhux magħruf. Żgur li kienu jiftakru, għax mar-rigal kien ikun hemm envelope li fih kien ikun hemm wkoll xi flus. Kien hemm xi tfal li għollew idejhom. Il-Kappillan talabhom joħorġu fin-nofs, u joqogħdu fuq kull naħa tat-tebut ta' Feliċ.



Fost il-ġemgħa kien hemm kommozzjoni kbira hekk kif 21 tifel u tifla ħarġu minn posthom u qagħdu, kif kien qalilhom il-Kappillan fuq kull naħa tat-tebut. Il-Kappillan qalilhom li x-xwejjaħ Feliċ kien dak il-ħabib mhux magħruf tagħhom. Imbagħad talab lit-tfal jaqbdu f'idejn xulxin u jiffurmaw kuruna madwar it-tebut.

Il-Kappillan reġa beda jkellem lil Feliċ. "*Feliċ, hawnhekk għandek xi ħbieb. Ma kinux jafuk qabel għax kieku kienu jġibulek il-ward. Biss Feliċ, inti hawn għandek l-isbaħ kuruna li tikber fil-għalqa tal-Mulej...... bl-istess mod li int ferraħt lil dawn it-tfal fil-Milidijiet li għaddew. B'dan il-ġest nirrakkomanda ruħek lil Alla!*"

In-naħa tar-raħal tagħna, id-deffien soltu jieħu ħsieb dak kollu li jiġri wara li l-Kappillan jgħid l-aħħar talba. Iżda jien, dak in-nhar tal-funeral ta' Feliċ ma stajtx nitħarrek. Bqajt hemm, nolfoq u nibki daqs tarbija mal-bqija tal-ġemgħa nies, iċċassati nħarsu lejn il-kuruna ta' Feliċ..... kuruna ta' tfal innoċenti li min jaf kemm kien ferraħhom b'dak li kien tahom bil-moħbi.



## Is-Sisien tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja

# 10. It-Tliet Prinċipji Fundamentali

mill-E. T. Nikol Ġ. Cauchi , Isqof t'Għawdex

Soċjetà ġusta hija mibnija fuq iż- żewġ prinċipji komplementari tas-solidarjetà u tas-sussidjarjetà. Soċjetà demokratika teżiġi wkoll il-prinċipju tal-parteċipazzjoni jew korresponsabilità.

**Il-prinċipju tas-sussidjarjetà** jissupponi l-fatt li l-bnedmin huma persuni u individwi uniċi, iżda li jeħtieġu lil xulxin. Wieħed ftit jew wisq jiddependi mill-għajnuna ta' l-ieħor. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà ifisser li din l-għajnuna għandha tingħata skond, fejn u meta tkun meħtieġa. Għalhekk m'għandux wieħed jindaħal fil-ħajja ta' l-ieħor, meta dan l-indħil ma jkunx mixtieq u meħtieġ.

L-ideja ta' sussidjarjetà kienet mgħallma b'mod impliċitu fl-enċiklika tal-Papa Ljun XIII u b'mod espliċitu u iktar ċar f'dawk tal-Papa Piju XI u tal-papiet ta' warajh.

Il-Papa Piju XI, fil-Quadragesimo Anno (I,184-186) jikteb hekk: "Huwa ħażin li tieħu minn għand l-individwu u tagħti lil kommunita`, dak li l-inrtapriża privata u l-industrija jistgħu jwettqu huma". Ġwanni Pawlu II, fl-enċiklika Centesimus Annus (n48) ifisser il-prinċipju tas-sussidjarjetà b'dan il-kliem: "*Komunità ta' grad iktar għoli, m'għandhiex tindaħal fil-ħajja interna ta' komunità ta' grad inqas u ċċaħħadha minn dak li hu tagħha, imma, minflok, għandha tieqaf magħha f'kas ta' ħtieġa u tgħinha tikkordina l-ħidma tagħha ma' l-attivitajiet tas-setturi l-oħra tas-soċjetà, dejjem bil-għan li jiltlaħaq il-ġid ta' kulħadd.*"

Kif naqraw fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n. 1885) "*Il-Prinċipju tas-sussidjarjetà jmur kontra s-suriet kollha ta' kollettiviżmu. Juri sa fejn jista' jindaħal l-Istat. Hu maħsub biex iġib armonija fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u s-soċjetajiet. Iwassal għat-twaqqif ta' ordni internazzjonali fil-veru sens tal-kelma.*"

Matul il-kors ta' l-istorja, iktar ma beda jikber il-poter ta l- Istat jew tal-Gvern hekk li jirregola kollox bil-liġijiet u bid-deċiżjonijiet tiegħu, iktar ukoll da parti tal-Knisja, kibret l-enfasi fuq il-funzjoni sussidjarja ta' l-Istat, cioè d-dmir tiegħu li jservi s-soċjeta' mhux li jassorbi r-rwol tal-membri tagħha.Għalhekk nistgħu ngħidu wkoll li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ġie wżat bosta drabi bħala arma biex tikkoreġi l-ideja u trażżan l-arroganza ta' l-Istat omnipotenti, u tagħti linja sa fejn u kif il-Gvern jista' jindaħal u ma jindaħalx.

Fl-aħħarnett, il-prinċipju tas-sussidjarjetà fih żewġ aspetti, l-aspett negattiv u l-aspett pożittiv. L-Istat m' għandux jindaħal f'dawk l-attivitajiet li l-gruppi iżgħar minnu, inkluża l-familja, jistgħu jwettqu sewwa u forsi wkoll diġà qegħdin iwettquh . Hekk ukoll il-gruppi ta' ordni ikbar m'għandhomx jipprovaw jieħdu f'idejhom dak li jista' jsir minn gruppi iżgħar jew mill-individwi. Skond il-prinċipju tas-sussidjarjeta',il-komunitajiet iktar wisgħin għandhom joqgħodu attenti li ma jħaddmux għalihom is-setgħat tal-familja u jindaħlulha fil-ħajja tagħha. Dan huwa l-aspett negattiv.

L-aspett pożittiv huwa meta l-individwu jew il-gruppi inferjuri, ma jkunux kapaċi jwettqu dak li jkun meħtieġ isir, grupp ikbar jew, l-Istat, jista' jindaħal biex jgħinhom u jekk ikun hemm bżonn, anki jieħu l-inizjattiva f'idejh.

**Il-prinċipju tas-solidarjetà.** Il-kelma solidarjetà tesprimi l-fatt li l-bnedmin huma persuni u individwi uniċi, iżda jeħtieġu lil xulxin u li wieħed jiddependi ftit jew wisq mill-għajnuna ta' l-ieħor.

Barra mill-interdipendenza fost il-bnedmin, il-prinċipju tas-solidarjetà, jesprimi wkoll il-kundizzjoni tal-fraternità umana, ċioè li l-bnedmin huma aħwa bejniethom. Din il-liġi tas-solidarjetà tal-bnedmin u ta' l-imħabba,

jgħidilna il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika ( n.364 ) - mingħajr ma twarrab il-għana tal-varjetà tal-persuni, tal-kulturi u tal-popli tiżgura li l-bnedmin kollha huma verament aħwa. Dan jikkonfermah ukoll il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-enċiklika Sollicitudo Rei Socialis (n. 38-40) " Il-prinċipju tas-solidarjetà li jissejjaħ ukoll " *ħbiberija*" jew "*imħabba soċjali*" huma eżiġenza diretta tal-fraternità umana u nisranija.

Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika, fin-n. 1940- 1941 jgħid li s-solidarjetà turi ruħha l-ewwelnett, fit-tqassim tal-ġid u fil-ħlas għax-xogħol. Tistenna wkoll li jkun hemm impenn għal ordni soċjali aktar ġust biex ikun hemm mezzi aħjar ħa jitnaqqsu t-tensjonijiet li jistgħu jinqalgħu u t-tilwim li jinħoloq jintemm aktar malajr permezz tan-negozjati.

Il-problemi soċjo-ekonomiċi ma jistgħux jinħallu jekk mhux bl-għajnuna tas-suriet kollha tas-solidarjetà, solidarjetà tal-foqra ma' xulxin, tal-għonja mal-foqra, tal-ħaddiema ma' min iħaddem fl-intrapriżi, solidarjetà bejn in-nazzjonijiet u bejn il-popli. Is-solidarjetà internazzjonali hi ħtieġa ta' l-ordni morali. Minnha sa ċertu punt, tiddependi l-paċi fid-dinja. Bir-raġun għalhekk, li Ġwanni Pawlu II, fl-enċiklika *Sollecitudo Rei Socialis* (n.39) is-solidarjetà jsejħilha "*it-triq għall-paċi u l-progress*".

Dwar is-solidarjetà, fuq livell internazzjonali, l-enċiklika msemmija, tkompli tgħallimna: "*Id-dipendenza tan-nazzjonijiet minn xulxin, għandha tinbidel f' solidarjetà bejniethom, mibnija fuq il-prinċipju li l-ġid tad-dinja ġie maħluq għal kulħadd. Dak li l-bnedmin jipproduċu bil-ħidma tagħhom fuq dak li tagħti l-art u jinħareġ minnha, għandu jservi għall- ġid ta' kulħadd*" (n39). Biex ikun hemm sistema internazzjonali veru li jirrispetta kemm l-ugwaljanza tal-popli kif ukoll id-differenzi leġittimi ta' bejniethom, jeħtieġ li n-nazzjonijiet l-aktar għonja jħossuhom moralment responsabbli li jgħinu n-nazzjonijiet l-oħra, inqas f'saħħithom minnhom.

**Il-prinċipju tal-parteċipazzjoni jew korresponsabilità.**

Il-kelma "*korresponsabilità*" hija wżata minn ċerti soċjoloġi moderni biex tfisser dak li hemm l-iktar fundamentali fil-problemi soċjali. Fil-korresponsabilita`, huma jridu jsibu bażi permanenti għar-relazzjonijiet tajbin bejn żewġ interessi li ħafna drabi huma għedewwa ta' xulxin, jiġifieri l-interessi tal-kapital u dawk tax-xogħol, kif ukoll id-drittijiet taċ-ċittadini u s-setgħat ta' l-awtorita` statali.

Din il-kelma "*responsabilità*" tesprimi dak li huwa l-iktar radikali fil-bniedem, bħala esseri ħieles u indipendenti. Hi x'inhi l-pożizzjoni tiegħu fis-socjetà, bniedem adult għandu jitqies bħala responsabbli u jrid jirrispondi għal għemilu ħlief fil-każ ta' min tilef l-użu tar-raġuni tiegħu.

Il-prinċipju tal-korresponsabilità joffri pedament jew bażi tajba għall-ordni industrijali ċioè għar-relazzjonijiet bejn il-ħaddiema u min iħaddimhom. Dan l-aspett jew dimensjoni ta' responsabilità mhux xi ħaġa li għandha tkun teżisti biss fil-managers jew diretturi tal-fabbriki iżda wkoll f'kull wieħed mill-ħaddiema u fil-mexxejja tagħhom. Mid-deċiżjonijiet meħuda b'sens ta' responsabilita' miż-żewġ naħiet, rappreżentanti tal-kapital u rappreżentanti tax-xogħol, li jiddependi jekk ir-relazzjonijiet industrijali jmorrux 'l quddiem jew lura.

Il-moralità fl-imġieba umana, jekk għemil hux tajjeb jew ħażin, huwa r-riżultat tar-responabilità jew nuqqas ta' responsabilità umana. Il-bniedem normali jrid jieħu fil-libertà d-deċiżjonijiet tiegħu mmexxi mir-raġuni u mir-rieda tajba. Il-bniedem japprezza ħafna l-libertà fid-deċiżjonijiet u fl-azzjonijiet tiegħu. Għalhekk, meta jkollu vuċi fil-post fejn jaħdem jew iwettaq l-attività tiegħu, mhux biss jaħdem iktar bil-qalb, imma jħossu iktar responsabbli u obbligat li jagħti sehmu biex l-intrapriża li fiha jkun imdaħħal, tmur 'l quddiem.

Dan il-prinċipju jgħodd ukoll għal dawk li huma mdaħħlin fit-tmexxija tal-Kunsilli Lokali u ta' kumitati oħra ta' kull għamla.

Fil-Katekizmu tal-Knisja Kattolika (n.1913) insibu definizzjoni ta' x'inhi **l-parteċipazzjoni,** fejn jgħidilna li hija "*impenn voluntarju u ġeneruż tal-persuna fir-relazzjonijiet soċjali tagħha. Hu meħtieġ li kulħadd jipparteċipa, jagħti sehmu, kull wieħed skond il-post u x-xogħol li għandu, biex iġib 'l quddiem il-ġid ta' kulħadd. Dan id-dmir huwa mitlub mill-istess dinjità tal-persuna umana.*"

Il-parteċipazzjoni timplika, li b'mod ugwali jew għall-inqas proporzjonat. Iċ-ċittadin, kulħadd skond kemm jiflaħ, għandu jagħti l-kontribut tiegħu għall-prosperità tas-soċjetà waqt li għandu d-dritt li jieħu sehem ukoll fil-ġid u l-progress tagħha. Iċ-ċittadin permezz tar-rappreżentanti tiegħu, jipparteċipa fit-tmexxija tas-soċjetà, meta hija waħda demokratika, u hekk iħares il-jedd tiegħu li jgawdi mit-trankwillità u mill-paċi soċjali.

Hemm diversi għamliet ta' parteċipazzjoni, iżda l-ewwel waħda hija dik li wieħed jieħu ħsieb sewwa dak il-kamp li tiegħu għandu responsabilità personali. Hekk missier għandu jieħu ħsieb kif imiss ta' wliedu u tal-familja tiegħu. Barra minn hekk, ikun jagħti sehmu lis-soċjetà min iwettaq is-sengħa jew professjoni tiegħu, bil-kompetenza li hija meħtieġa.

Parteċipazzjoni oħra taċ-ċittadini fi ħdan is-soċjetà demokratika hija dik li jkunu attivi fil-ħajja pubblika l-iktar billi jmorru jivvutaw fl-elezzjonijiet politiċi u kull meta ssir konsultazzjoni tal-poplu.

Qabel ma nagħlqu din is-serje ta' artikli dwar is-sisien tat-tagħlim soċjali tal-Knisja, tajjeb li nagħmlu rimarka li nsibuha fid-dikjarazzjoni tas-Sinodu tal-Isqfijiet tal-1971. Wara li jfakkarna li minħabba l-messaġġ evanġeliku afdat lilha, l-Knisja għandha l-jedd u d-dmir li xxandar il-ġustizzja f'kull livell u li tikkundanna l-fatti ta' nġustizzja (n.36) jkompli jgħallimna li "*l-missjoni tal-Knisja mhix dik li toffri soluzzjonijiet konkreti fil-qasam, soċjali, politiku jew ekonomiku iżda li tiddefendi u tippromovi d-dinjità u l-jeddijiet fundamentali tal-persuna umana*" (n.37).

Dan it-tagħlim insibuh ukoll fl-enċikliċi soċjali tal-Papa Ġwanni Pawlu II, *Solecitudo Rei Socialis* (n.41) u *Centesimus Annus*(n.43) Id-denunzja ta' kwalunkwe vjolazzjoni tal-jeddijiet umani hija d-dmir tal-lajċi xejn inqas milli huwa d-dmir tal-ġerarkija.




## Bush ma' grupp ta' Isqfijiet

Il-President George W. Bush kellu ikla ma' grupp ta' isqfijiet minn Washington, il-Ħamis 25 ta' Jannar, biex jiddiskuti l-pjanijiet ta' ħidma mal-komunitajiet reliġjużi ħa jitwettqu s-soluzzjonijiet bażati fuq il-fidi għal xi problemi soċjali ta' l-Amerika. Bush u l-First Lady Laura Bush kellhom din l-ikla fir-residenza tal-Kardinal-maħtur Theodore McCarrick ta' Washington.

L-amministrazzjoni ta' Bush qalet li l-ikla kienet parti mill-isforzi ta' Bush biex jiltaqa' mal-mexxejja tad-diversi reliġjonijiet qabel ma jillanċja l-pjan li jgħin lill-organizzazzjonijiet reliġjużi u karitatevoli fil-ġlieda kontra l-aktar problemi soċjali iebsa. Bush qal li ttama li jitkellem dwar il-pjanijiet tiegħu għal riforma ma' l-isqfijiet li sejħilhom "irġiel ta' fidi kbira, ta' kompassjoni kbira għall-foqra u l-oppressi". Bush ippjana li jwaqqaf Office of Faith-Based Action biex jgħin lill-organizzazzjonijiet reliġjużi jsiru eliġibbli għall-fondi federali għall-programmi soċjali tagħhom.

## Il-Knisja fiċ-Ċili trid aktar tagħrif dwar is-snin ta' Pinochet

Waqt li ċ-Ċili jibqa' maqsum fuq il-kwistjoni tal-Ġeneral Augusto Pinochet, il-Knisja Kattolika ppressat għal tagħrif aktar ċar dwar il-qagħda tad-drittijiet umani tul id-dittatorjat tiegħu bejn l-1973 u l-1990. Ippruvat taqbad it-triq tan-nofs bejn id-difensuri u l-kritiċi ta' Pinochet.

F'intervista, il-Kardinal-maħtur Francisco Errazuriz ta' Santiago wera tama li "meta jkun hemm xi konklużjoni għall-każ ta' Pinochet", il-forzi armati se jipprovdu aktar tagħrif dwar nies li għebu fi żmien ir-reġim. L-opponenti ta' Pinochet jgħidu li dawn il-vittmi nħatfu mill-militar. Il-Knisja faħħret il-pass tal-forzi armati meta taw rapport fuq 200 persuna li sparixxew, iżda wkoll tat support lil gruppi ta' drittijiet umani li kkritikaw il-militar li ma pprovdiex it-tagħrif kollu li seta' jagħti.

## Isqof Ċiniż leali lejn il-Papa

F'intervista riċenti, Isqof Ċiniż, Joseph Xu Zhixuan, li jmexxi djoċesi bi ftit saċerdoti u sorijiet, qal: "Aħna dejjem konna fidili lejn il-Papa, fl-imgħoddi, fil-preżent u ser inkunu għal dejjem fil-ġejjieni". L-Isqof Xu ssuċċieda lill-Isqof Tuan In-min li miet ta' 92 sena fl-10 ta' Jannar.

Tuan u Xu kienu mistiedna jieħdu sehem fis-Sinodu ta' l-isqfijiet għall-Asja fl-1998, iżda l-gvern ma tahomx permess iħallu l-pajjiż. Skond il-kalkoli ta' Fides, il-Kattoliċi fid-djoċesi ta' Wanxian huma ta' l-inqas 100,000, inklużi l-insara klandestini li m'humiex reġistrati mal-knisja 'patrijottika' kontrollata mill-istat. Reservoir kbir biex jipproduċi l-enerġija mix-xmara Chang, għandu jintemm fis-sena 2009 u se jkun l-ikbar reservoir tad-dinja. Ser jieħu l-post ta' diversi bliet u rħula, kif ukoll tal-katidral u ħames parroċċi. Fuq miljun ruħ kellhom iħallu l-post fejn twieldu u l-kumpens li ngħataw mill-gvern mhux suffiċjenti biex jibnu mill-ġdid ħajjithom u jikkoltivaw artijiet ġodda.

L-Isqof Xu ikkonkluda: "Jien neħtieġ ukoll it-talb: diġa għandi 84, jien xiħ!"

## Kardinali Ġodda

Fil-Konċistorju tal-21 ta' Frar li għadda, Ġwanni Pawlu II għamel numru ta' kardinali ġodda. 37 minnhom kien ħabbarhom wara l-Angelus tal-Ħadd, 21 ta' Jannar. Dawn ġejjin:

- 18 mill-Ewropa (16 minnhom eletturi),
- 3 mill-Amerika ta' Fuq (2 minnhom eletturi),
- 10 mill-Amerika Latina (kollha eletturi),
- 2 mill-Afrika (1 elettur) u
- 4 mill-Asja (kollha eletturi).

Wara l-Angelus tal-Ħadd, 28 ta' Jannar, il-Papa kien ħabbar l-ismijiet ta' seba' kardinali li kien irriserva in pectore, tnejn fil-Konċistorju tal-21.2.1998 u l-ħamsa l-Ħadd ta' qabel.

## Pass 'il quddiem fl-Ekumeniżmu

Il-Vatikan u l-Komunjoni Anglikana ħabbru l-formazzjoni ta' grupp ta' ħidma internazzjonali biex iħejji affermazzjoni komuni ta' fidi u biex imexxi'l quddiem proġetti ta' kooperazzjoni. Il-Grupp ser jitmexxa mill-Isqof Anglikan David Beetle (Afrika t'Isfel) u mill-Arċisqof Kattoliku John Bathersby (Awstralja). Il-grupp ser ikollu ħames membri Anglikani u ħames membri Kattoliċi u segretarju minn kull naħa.

## Għaqal u faqar

18% tal-popolazzjoni tad-dinja taqsam bejnietha 835% tar-riżorsi globali. *"Tliet tużżani ta' nazzjonijiet sinjuri jimmonopolizzaw it-teknoloġija, ix-xjenza, il-politika, waqt li joffrulna biss riċetti biex insiru aktar foqra"* (Fidel Castro kwotat fil-Bollettino Salesiano ta' Jannar 2001).




# IL-MARA FIL-FOLKLOR GĦAWDXI

*( It-Tielet Parti )*

## IL-MARA FIX-XOGĦOL U S-SNAJJA' TRADIZZJONALI

Nibdew mit-twelid. Meta titwieled tarbija, l-aktar mara mfittxa hija l-qabla, illum imsejħa l-majjistra. Majjistra, kelma romanza li daħlet fil-Malti, tfisser imgħallma. Mhux kull mara hija qabla. Il-qabla trid tkun imgħallma u mħarrġa fix-xogħol delikat tagħha għaliex f'idejha ħafna drabi jkun id-destin tat-tarbija l-ġdida. Il-qabla trid tkun taf twelled, taħsel, tnaddaf, u tfisqi t-tarbija. Trid saħansitra tkun taf kif tgħammed fil-każ li jinqala' l-bżonn li tamministra s-Sagrament tal-Magħmudija lil xi tarbija dgħajfa u li tkun fil-periklu li tmut.

Jekk it-tarbija ma tmutx, jeħduha l-knisja għall-magħmudija. Dari l-magħmudija kienet issir dak in-nhar stess li titwieled it-tarbija jew l-aktar 'l għada. Iċ-ċerimonja tal-magħmudija kienet waħda sempliċi u ssir ħdejn il-fonti tal-magħmudija fejn il-bieb ewlieni tal-knisja. L-omm ma kenitx tmur. Allura kienu jaqilgħu mara biex terfa' t-tarbija. Din kienet tissejjaħ ir-reffiegħa. Hija kienet terfa' t-tarbija sakemm twassalha l-knisja. Wara kienet terġa' twassalha lura d-dar.

Xi drabi tista' tiġri d-diżgrazzja li omm it-tarbija tmut, inkella l-omm ma tkunx tista' tredda' t-tarbija tagħha. In-nies ta' dari kienu aktar konxji mill-valur nutrittiv u anki mill-fatt li bil-ħalib ta' l-omm it-tarbija timrad inqas. Għalhekk kienu jagħmlu minn kollox sabiex it-tarbija jagħtuha ħalib naturali ta' xi mara oħra, avolja jekk din ma tkunx l-omm proprju tagħha. Mara bħal din kienet tissejjaħ l-imreddgħa. Din kienet tkun mara li, jew it-tarbija tagħha tkun mietet, inkella li kienet tibqa' tredda' għal żmien xi ftit itwal min-normal. Il-familji tat-tajjeb kienu saħansitra jippreparaw kamra fejn l-imreddgħa tkun tista' torqod u jitimgħuha tajjeb. Dawk it-tfal li kienu jitrabbew bil-ħalib ta' l-imreddgħa, kienu jgħallmuhom jirrispettaw lil din il-mara li kienet tkun mantniethom b'ħalibha.

Kulħadd jaf kemm xogħol toħloq tarbija ġdida. Dari ma kienx hawn il-ħrieqi li wieħed malli jużahom jista' jarmihom. Il-ħwejjeġ tat-tarbija kienu jridu jinħaslu ta' spiss biex jerġgħu jintużaw. Aħseb u ara kemm trid xi familja numeruża b'ħafna tfal, kollha jħammġu u kollha jridu min ibiddlihom il-ħwejjeġ. Anki l-membri l-kbar tal-familja kienu jitħammġu aktar għaliex kienu jaħdmu fir-raba' fejn wieħed ma kienx jista' jibqa' nadif wisq. Terġa' fl-antik il-ħwejjeġ kienu jkun aktar ħoxnin minn ta' llum għaliex kienu jkunu tan-newl.

Kienet, għalhekk, biċċa xogħol iebsa li wieħed jaħsel il-ħwejjeġ tal-familja. U dan ukoll kien xogħol tan-nisa. Il-ħasil kien isir bil-marżebba fuq il-maħsel li kienet ġebla kbira ħdejn xi bir. Nisa oħrajn kienu jieħdu l-ħwejjeġ fuq il-Għajn tal-ħasselin li minnhom kien hawn bosta f'Għawdex, fir-Rabat, fil-lokal tat-Triq tal-Għajn, f'Wied il-Lunzjata, f'Għajn Tuta f'ta' Kercem, u bosta għejun oħra mxerrda mal-gżira kollha. Kien hemm ukoll ħassiela nisa li kienu jduru jaħslu l-ħwejjeġ tan-nies, l-aktar ta' dawk il-familji fejn kien ikun hemm ħafna tfal u l-omm ma kenitx tlaħħaq max-xogħol.

Minbarra li tieħu ħsieb il-ħasil, il-mara tad-dar kienet ukoll trid tieħu ħsieb it-tisjir. Mela, il-mara tad-dar kienet ukoll koka u koka tajba għal dak li hu ikel tradizzjonali. Ma kellhiex riċetti sofistikati bħal ta' llum. Kienet taf issajjar il-brodu, il-minestra, imsejħa tisjir, il-kawlata, kusksu, is-soppa ta' l-armla, it-torti, il-pastizzi, il-qassatat bil-ġbejniet, torti tal-konkos, xi fenek stuffat, ftajjar, sfineġ fdewwex, ravjul, kagħak tal-kavatelli, tal-għasel u tal-qastanija, bebbux, aljoli, aljotta, zlazi, għaġin, imqarrun, qaqoċċ, qara' mimli, ħaruf il-forn, laħam tal-buljut, imboljuta, u fil-każ ta' bżonn anki tmur tagħmel il-għaġna tal-ħobż. Il-mara kienet tqassam l-ikel lill-familja biex kulħadd imissu xi ħaġa, l-aktar fejn il-familja tkun numeruża u l-mezzi jkunu ftit.

Il-mara tad-dar kienet trid ukoll tieħu ħsieb tlibbes

il-familja. Hija l-mara li tifhem fil-bżonnijiet tal-ħwejjeġ għall-familja tagħha. U mara bil-għaqal kienet dik li kienet taf ukoll tħit. Mela, l-mara minbarra li hija ħassiela u koka, hija wkoll ħajjata. Hawnhekk, irridu nammettu li mhux in-nisa kollha huma ħajjatin. Imma dari, meta l-qligħ tal-flus kien baxx il-mara tad-dar kienet tmidd idha għal kollox, anki biex tħit. Kienet tiddobba d-drapp tan-newl, xoqqa u għażel u drapp ieħor ta' barra, u tħit il-ħwejjeġ għaliha nfisha, għal żewġha u għal uliedha. Kien ikollhom il-ħwejjeġ ta' kull jum u l-libsa ta' nhar ta' ħadd li biha jmorru l-qudddies. Illum mhux in-nisa kollha għandhom iż-żmien joqogħdu jħitu, imma xorta waħda hija l-mara tad-dar li taħseb tixtri l-ħwejjeġ ta' barra lesti għall-familja kollha.

Dwar il-ħjata bħala sengħa, irrid ngħid li diversi huma dawk in-nisa li huma ħajjatin. F'kull lokal tal-gżira Għawdxija għandek issib il-ħajjata tar-raħal li tħit kull xorta ta' lbiesi, l-aktar ilbiesi għall festa jew biex jiżżanżnu għal xi okkażjoni. Hemm ukoll il-ħajjata ta' l-ilbiesi tat-tieġ. Dawn huma ħajjata speċjalizzati li jkun magħrufa minn kulħadd. Meta tnejn ikunu se jiżżewġu, l-għarusa tmur għand dik li jidhrilha li tkun l-aqwa waħda biex għandha tħit il-libsa tat-tieġ. U erħilhom il-mistednin, ifaħħru (jew imaqdru minn taħt l-ilsien) il-libsa tal-għarusa.



Fl-antik kellna ħajjata oħra speċjalizzati fix-xogħol tagħhom. Dawn kienu l-ħajjata tal-għenienel. Il-għonnella kienet trid sengħa partikolari biex tinħadem sabiħ skond kif tordna l-klijenta li tkun se tilbisha. Jiddispjaċina ninnutaw li din is-sengħa llum spiċċat għal kollox.

Max-xogħol tal-ħjata wieħed jista' jsemmi wkoll ix-xogħol tar-rakkmu li b'bosta familji Għawdxin laħaq livell tassew għoli. Dan jidher l-aktar meta n-nisa u t-tfajliet ta' l-irħula jmiddu idejhom għal opri tassew sbieħ, xogħol li ġeneralment isir b'xejn għall-knejjes, għall-każini u f'okkażjonijiet oħra speċjali tal-festi tagħna.

Dari, aktar mil-lum, ħafna nisa tad-dar Għawdxin kienu nisa tal-bdiewa. Ix-xogħol tal-biedja ma jieqaf qatt. Huwa xogħol kbir u varjat u l-mara tal-bidwi kienet għalhekk toħroġ miegħu taħdem fir-raba'. U x'kien sehem il-mara fix-xogħol tar-raba' u tar-razzett? Għalkemm, nafu b'nisa li kienu jagħżqu, pero' l-għażiq ġeneralment isir mir-raġel. Il-mara tgħinu jiżra', tgħinu jħawwel u tgħinu jaħsad. Il-mara bil-minġel kienet taħsad iż-żara' u s-silla, u bir-ronka taqta' u tlaqqat il-ħaxix. Il-mara taqta' l-frott, taqta' l-gћeneb u t-tadam u tiġbor il-patata. Kienet taqta' l-bjad tal-qoton u tlaqqat il-kemmun. Il-ġarr, l-irfigħ u tqandil tal-prodotti kollha hu xogħol ta' l-irġiel.

Il-mara kienet tirgħa n-ngħaġ u l-mogħoż. Fir-razzett kienet taħleb il-baqar, in-ngħaġ u l-mogħoż fil-maħleb. Bil-ħalib kienet taf tagħmel il-ġbejniet, tnixxifhom, taħsilhom fis-salmura, tagħtihom il-bżar, u tbigħhom sew jekk ikunu friski, tal-qaleb jew xorta oħra. Mela, ix-xogħol tal-ġbejniet u l-preservazzjoni tagħhom kien tista' tgħid kollu kemm hu xogħol in-nisa.

Dari, il-mara kienet tqadded il-frott, it-tin u t-tadam, u taħżnu għax-xitwa. Kienet taħsel is-suf tan-ngħaġ fil-baħar nhar Sant'Anna u mbagħad jew tinsġu hi stess jew tieħdu għand in-nissieġa ħalli tagħmlu fradi, kutri u oġġetti oħra tan-newl għad-dar. Kienet tinfex is-suf ta' l-imtieraħ il-qodma biex minn ebsin jerġgħu jsiru rotob u komdi biex wieħed jistrieħ fuqhom.

Il-mara kienet tgħin il-bidwi fuq l-andar. Ix-xogħol tal-qiegħa kien xogħol ta' l-irġiel. Imma l-mara kienet tgħinu biex jorbot il-qatet tal-qasbija, biex jimla l-lożor u x-xbieki bit-tiben, biex tgħarbel it-tgħam u taħslu ħalli jindaf u jkun jista' jittieħed nadif għand tal-mitħna. Meta jiġi lura mitħun mingħand tal-mitħna, kienet il-mara li bl-egħriebel fini tagħha tgħarbel it-tħin biex tagħżel is-smid u d-dqiq mill-qxura. Is-smid kienet issajru lit-tfal, u l-ikla kienet tissejjaħ tagħsida, id-dqiq tieħdu l-forn biex taħbeż għall-ġimgħa, fejn ħafna darbi kienet kienet tagħġen hi stess il-għaġna fuq il-lenbi.

Ħafna nisa Għawdxin li ma kinux nisa tad-dar kienu jaħdmu f'diversi snajja' tradizzjonali tal-gżira. Waħda mill-aqwa snajja' u l-aktar antiki kienet dik ta' l-insiġ. Infatti, f'diversi djar Għawdxin imxerrdin ma' l-irħula kollha ta' Għawdex kien hemm inwiel qodma li kienu jaħdmu bihom drappijiet tradizzjonali bil-qoton u bis-suf tan-ngħaġ. Il-qoton kien jitkabbar hawn Għawdex stess u kien ta' kwalita' tajba ħafna, tant hu hekk li ħadd ma seta' jibgħat żerriegħa minnu barra minn dawn il-gżejjer. Kien hawn il-qoton abjad u l-qoton aħmar. Id-drappijiet li kienu jinħadmu bin-newl kienu wkoll jistgħu jingħataw il-kuluri skond il-ħtieġa miż-żebbiegħ, sengħa oħra tradizzjonali li spiċċat minn Għawdex għal kollox. Imma din kienet sengħa ta' l-irġiel.

Ix-xogħol tan-newl kien jaqla' bosta xogħol ieħor marbut ma' l-istess sengħa. Il-mara kienet iddomm il-qoton billi toħorġu mill-fosdqa. Imbagħad kienet taħalġu bir-raddiena tal-ħalġ biex tneħħilu ż-żerriegħa. Wara li l-maħluġ jindaqq mid-daqqaq, il-mara kienet tagħżel it-tajjar u tagħmlu ħjut fuq raddiena apposta li kienet tissejjaħ imgħażel. Il-ħajt kien imbagħad jitkebbeb fuq l-imkebba. Is-seffieħa tħottu u tifirxu biex hekk túejjih għat-tewwejja ħalli wara jintiseġ bin-newl min-nissieġa.

Dari l-bdiewa tagħna kienu jdumu aktar jaħdmu fir-raba' milli jdumu l-bdiewa ta' llum. Sew jekk il-bidwi jaħrat bil-bhima, jew jekk jidres il-qiegħa bil-bagħal u l-ħmar, sew jekk irid jagħżaq bl-imgħażqa, sew jekk jaħsad iż-żara' u s-silla bil-minġel, kien ifisser ħafna

sigħat espost għall-qilla tax-xemx. Biex iħares lilu nnifsu mir-raġġi qawwija tax-xemx, kien jilbes il-kappell. Dan il-kappell kien jinħadem hawn Għawdex stess fir-raħal tal-Qala. Ix-xogħol kien jissejjaħ ix-xogħol tal-palm jew tar-rattam. Xi nisa mill-Qala kienu jduru jiġbru l-weraq tal-palm minn Għawdex kollu. Dan il-palm ġeneralment kienu jiddubbawh b'xejn, imbagħad dik tal-palm kienet tagħti kappell b'xejn lil min ikun taha ħafna palm. Daqshekk kienet sempliċi l-ħajja Għawdxija ta' l-imgħoddi. Il-mara u t-tfal bniet tagħha kienu jaħdmu d-dafra u mbagħad l-imgħallma tħit il-kappell, l-ewwel tibda mill-galletta, imbagħad it-tromba u fl-aħħar il-faldi tal-kappell. Kienet taħdem ukoll kull xorta ta' mriewaħ, paljijiet, ġwielaq, basktijiet u oġġetti oħra utli għad-dar.

Imma għandu mnejn l-aktar xogħol tradizzjonali li ismu sar sinonimu mal-gżira Għawdxija hu dak tal-bizzilla. Ma rridx noqgħod nagħti dettalji bla bżonn għal din il-kitba. Ngħid biss li minn meta qabad l-egħruq sewwa għan-nofs tas-seklu dsatax, in-nisa Għawdxin saru famużi għal dan ix-xogħol. L-industrija tal-bizzilla fi gżiritna bdiet tagħti l-għajxien lil ħafna nisa Għawdxin li ħadmu u stinkaw u għollew il-livell tal-bizzilla fuq livell internazzjonali. Nies famużi barranin, renjanti u membri tal-familja rjali Ingliża, turisti, viżitaturi, u oħrajn kollha baqgħu mistagħġba bix-xogħol fin li jafu jagħmlu n-nisa Għawdxin fuq it-trajbu tal-bizzilla. Li wieħed jitkellem fuq in-nisa Għawdxin u ma jsemmix il-bizzilla, ikun qiegħed iħalli punt l-aktar importanti fil-ħajja folkloristika tal-gżira Għawdxija.

Ix-xogħol tal-bizzilla hu xogħol delikat u adattat ħafna għal idejn in-nisa. Imma hemm xi xogħol ieħor li n-nisa Għawdxin irnexxew fih? Iva, hemm. Meta wara s-snin sittin l-industrija tat-turiżmu bdiet ġejja 'l quddiem, f'Għawdex kien hawn suq kbir tax-xogħol tas-suf u tal-ganġ. In-nisa Għawdxin bdew jaħdmu kull xorta ta' ġersijiet, pullovers, sweaters, u oġġetti oħra ta' lbies bħal dawn biex jinbiegħu lit-turisti. Kienu xogħol eħfef minn dak tal-bizzilla, jintela' malajr aktar, u jġib aktar flus. Allura, kont tara n-nisa tagħna jaħdmu kull meta u kull fejn ikollhom ċans. Sew jekk meta ma jkollhomx x'jagħmlu, sew jekk ikunu jistennew il-karrozza ġejja, sew jekk qegħdin jistennew it-tfal ħerġin mill-iskola, u f'kull okkażjoni oħra, in-nisa tagħna kienu jaħdmu b'dawk iż-żewġ labriet twal ta' ħdim is-suf.

Imma n-nisa Għawdxin mhux xogħol delikat biss jafu jagħmlu. Dari, meta kienu jsiru l-bjut tad-deffun, in-nisa tagħna kienu jaħdmu ta' ballata. Kont tarahom b'dik il-marżebba, erbgħa erbgħa u sitta sitta jballtu dak il-bejt ġdid bil-paċenzja kollha u jġibuh lixx u jaqleb għalfejn irid l-imgħallem. Kien xogħol li ma jħallix ħafna flus. Imma biex wieħed jagħmlu, lanqas kien irid imur jistudja. U ħafna nisa kienu għalhekk jaqilgħu dik ix-xiħaġa żejda minn xogħol bħal dan.

Imma sew jekk wieħed jgħaddi ħajtu ma jagħmel xejn, sew jekk ikun l-aktar bniedem bieżel, u kemm jekk jiżżewweġ, kif ukoll jekk jibqa' għażeb, fl-aħħar mill-aħħar kulħadd irid imut. Mill-mewt ma jista' jeħles ħadd għaliex skond il-qawl Malti, ħadd wara ħadd fl-aħħar tasal ta' kulħadd.

Dari meta kien imut xi ħadd f'Għawdex, tal-familja kienu jikru nisa tallaba fqar biex jishru mal-mejjet. Huma kien joqogħdu mal-katavru l-lejl kollu, għassa tiegħu u jitolbu għal ruħ il-mejjet. Imbagħad tal-familja jagħtuhom xi ħaġa tal-flus tas-servizz li jkunu taw. Fi żmien il-Kavalieri kien hemm ukoll nisa li kienu jagħmlu x-xogħol ta' newwieħa fil-funerali. Dawn kienu jilbsu velu jew mant twil ikarkar ma' l-art, imsejjaħ kurkar. Meta jidħlu f'dar il-mejjet kienu jqaċċtu d-dielja tal-bitħa u jarmu l-qsari għat-triq mill-galleriji u mit-twieqi. Kienu jfittxu għall-aħjar biċċa fajjenza fid-dar u jkissruha mal-bieb. Imbagħad kienu jħalltu l-frak ma' l-irmied, jgħallu kollox u jċappsu bih il-koxox tal-bieb. Waqt din il-biċċa xogħol, kienu jgħannu xi taqbiliet b'ħafna tinwiħ u fl-aħħar jinżlu għarkubbtejhom ħdejn il-katavru u jkomplu jsemmu l-virtujiet u l-affarijiet tajba li kellu l-mejjet, u nies il-mejjet jingħaqdu magħhom.


XUEREB Fish Shop

**Fresh and Frozen Fish**

*Qala Road, Nadur - Tel: 565616*

OPEN Monday to Saturday: 7.30 - 12.00 p.m.



la femme

Ladies, teenage and child boutique

Karlu Galea Str., Victoria, VCT 111 - Gozo, Malta.

Tel. (+356) 564243 / 558886
Fax. (+356) 564215
Mob. 0947 0114







# IL-MUŻEW TAL-ARKEOLOĠIJA

## (Ir-Raba' parti)

***Fdalijiet Rumani minn qiegħ il-baħar***

Minn din is-sala ngħaddu għall-kamra li tinsab f'ras it-taraġ. Kamra żgħira mimlija daqs bajda b'ġarar u ankri Rumani. Il-fuħħar li nsibu sew fil-vetrina kif ukoll dawk esebiti mal-ħajt u fl-art, flimkien ma' l-ankri taċ-ċomb, ġejjin minn sejba taħt il-baħar minn tagħbija fuq xini tal-merkanzija li għerqet fid-daħla tal-bajja tax-Xlendi, madwar it-tieni seklu qabel Kristu. Xi ġarar huma ta' żmien wisq aktar tard, x'aktarx minn xini ieħor li għereq madwar il-ħames seklu wara Kristu.

Il-ġarar il-kbar imdendlin mal-ħajt fuq il-lemin huma ta' għamla Griega-Rumana, u kienu jintużaw għall-inbid (vinariae). Oħrajn huma mill-Afrika ta' Fuq (forma ċilindrika) u mill-Gżejjer Maltin (dawk li għandhom imqabad żgħar fuq l-ispalla u bil-qiegħ għat-tond).

Mal-ħajt fuq ix-xellug wieħed jara numru ta' partijiet ta' l-ankri. Dawn fil-fatt huma ċ-ċepp u l-ingast għad-dirgħajn. F'kantuniera faċċata tal-bieb naraw rikostruzzjoni ta' kif kienet tkun maħduma l-ankra. Hekk naraw li partijiet mill-ankra kienu magħmula mill-injam, imma ċ-ċomb taċ-ċepp kif ukoll tal-ingast kien ikun tqil biżżejjed biex iniżżilha fil-qiegħ tal-baħar. Kienet tkun ħaġa normali li l-ankra tinqata' u titħalla fil-qiegħ meta teħel ma' xi skoll, għalhekk kien ikun hemm oħrajn abbord.

***Aktar fdalijiet Rumani***

Minn din il-kamra ngħaddu għall-kamra faċċata tagħha fuq in-naħa l-oħra tal-indana fejn insibu aktar fdalijiet Rumani. L-istatwa li naraw fin-nofs u ż-żewġ iskrizzjonijiet li jidhru hawnhekk, fl-1623 tpoġġew ġewwa niċċa fil-ħajt tas-sur qrib il-mina l-kbira taċ-Ċittadella (ara iskrizzjoni f'ras it-taraġ). Dawn reġgħu tneħħew minn hemm fl-ewwel snin tas-seklu dsatax.

F'dil-kamra nsibu żewġ bażijiet ta' statwi li t-tnejn ma nafux fejn instabu. Dik ta' fuq ix-xellug hemm miktub fuqha bil-Latin li Marcius Marcianus waqqaf din l-istatwa ad unur ta' l-aqwa u l-iżjed ħabib għażiż tiegħu Cestius Lucius, iben Poampus, patrun tal-Municipju..... l-iskrizzjoni l-oħra , li tnaqqxet bejn is-snin 14 u 29 w.K., hija ddedikata lil Livia Drusilla, it-tieni mara ta' l-Imperatur Ruman Augustus (27q.K-12w.K.) u omm l-Imperatur Tiberius (14-37 w.K.) minn żwieġ ta' qabel.

Wara l-mewt ta' l-Imperatur Augustus, Livia Drusilla kienet mogħtija t-titlu ta' Augusta u magħduda wkoll fil-ġens Julia. Għalhekk bidlet isimha għal Julia, u 'l quddiem baqgħet magħrufa bħala Julia Augusta jew Augusta. Hawnhekk hija identifikata ma' Ceres, alla mara ta' l-agrikultura. Ix-xbieha li naraw fin-nofs hija ta' mara. L-istatwa hija maħduma fl-irħam abjad ta' Carrara, u hija ta' l-ewwel seklu w.K., żmien Ġulju - Klawdju. L-istatwa tirrappreżenta xi Augusta, titlu mogħti lin-nisa tal-familja imperjali, u mhux magħruf il-post fejn instabet.

### *Żmien il-Għarab*

L-aħħar kamra f'dan is-sular hija dedikata liż-żmien medjevali. Ftit huma l-oġġetti minn dan il-perijodu u l-fuħħar li naraw huwa tas-sekli 14 u 15.

### *Il-Ġebla ta' Majmuna*



Faċċata tal-bieb wieħed jara rħama lapida ta' qabar b'kitba bil-Għarbi b'ittri kufiċi tas-seklu tnax. Din instabet fil-post magħruf bħala ta' Majmuna, bejn ix-Xewkija u Sannat. L-iskrizzjoni titkellem weħidha għal min ġiet miktuba. Aqraw u iflu l-kliem:

*F'isem il-Ħanin Allah, li jagħder, ikollu ħniena mill-Profeta Muhammed u dawk li jimxu warajh, u jagħtihom il-ħelsien ta' dejjem. Allah kbir u għal dejjem, li l-ħlejjaq tiegħu għandhom jintemmu. Ta' dan hemm turija fil-Profeta t'Allah.*

*Dan huwa l-qabar ta' Majmuna, bint Ħassan, iben Ali al-Hudali, magħruf bħala iben as-Susi, mietet, Allah ikollu ħniena minnha, il-Ħamis 16 il-jum tax-xahar ta' Sa'ban fis-sena 569 (21 ta' Marzu 1174) tistqarr li hemm Allah wieħed biss mingħajr ħadd bħalu.*

*Ħares madwarek! Hemm xi ħaġa għal dejjem fid-dinja; xi ħaġa li treġġa lura jew tagħmel seħer lill-mewt? Il-mewt serqitni minn palazz u jaħasra la bibien u lanqas firrolli ma setgħu jeħilsuni. Kulma għamilt (f'għomri) jibqa', u jiġi meqjus u miżmum.*

*Int li wieqaf tħares fuq dan il-qabar! Jiena diġa tmermirt ġewwa fih, u t-trab għattieli għajnejja. Fuq soddti, f'dari ma hemm xejn ħlief dmugħ, u x'se jiġri meta jien inqum mill-mewt. Kun għaqli ja ħija u indem.*

### Lapidi tal-Medju Evu

Mal-ħitan matul l-indana hemm imdendla lapidi minn fuq oqbra f'ċimiterju li kien jinsab "fuq it-Tomba" jew "iz-zuntier tar-Rabat", maġenb il-knisja ta' Santu Wistin. Skond it-tradizzjoni, dawn il-lapidi kienu jimmarkaw l-oqbra ta' nies ta' ċertu klassi li flimkien mar-Re Luiġi IX ta' Franza kienu ħadu sehem fil-kruċjata kontra Tunes fis-sena 1270. Huma u sejrin lura x-xwieni Franċiżi tħarbtu f'maltempata qalila, u x'uħud minnhom fuq ix-xwieni mietu ukoll minħabba l-mard. Xi xwieni minnhom daħlu Għawdex għall-kenn fejn il-mejtin ġew midfuna.

### Iskrizzjonijiet ta' Żmien il-Kavallieri.

X'hin nibdew neżlin it-taraġ mal-ħajt hemm imdendlin żewġ iskrizzjonijiet bil-Latin.


**TAL-KELBA LTD.**

*** BUILDING CONTRACTOR**

*** CRANE & GENERATOR HIRE**

**Contact: RAYMOND CEFAI**

**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**

**Tel. 557847; 562532. Mobile 099 3169**



*Stufa ta' Żmien il-Għarab li fuqha (f'dawk ir-reċipjenti żgħar qishom ħerġin minnha) kienu jsaħħnu l-pastini magħmulin mill-ħwawar, li tant huma magħrufin għalihom l-Għarab. Innutaw l-ispazju fin-nofs ta' l-istufa fejn kien jitqiegħed musbieħ biex isaħħan il-fuħħar. Din kienet tintuża speċjalment waqt il-ġabra tal-membri tal-familja.*

L-ewwel waħda kienet ingastata fil-ħajt tas-sur qrib id-daħla taċ-Ċittadella fis-seklu sbatax biex tfakkar il-ftuħ ta' triq u kienet imżejna bi statwa u skrizzjonijiet antiki ħafna. Din infetħet taħt il-Gran Mastru Fra Antoine de Paule, fl-1623.

L-iskrizzjoni l-oħra kienet tpoġġiet fl-1698 fuq l-Għajn il-Kbira, il-Fontana meta din kienet restawrata minn Erkole Martin Testaferrata, meta kien Gran Mastru Fra D. Ramon Perellos y Roccaful.

F'niċċa f'nofs it-taraġ hemm esebita l-arma ta' Ruma: il-lupa tredda' lit-tewmin Romulus u Remus. Din l-iskultura hija xogħol x'aktarx tas-seklu sbatax jew tmintax.

Fin-naħa t'isfel tat-taraġ insibu lapida kommemorattiva oħra bil-Latin u bit-Taljan. Din tfakkar lis-suldat qalbieni Bernardo de Opuo li fil-1551 meta t-Torok ħabtu għal Għawdex u kollox kien jidher mitluf, għażel li joqtol lil martu u żewġ uliedu xebbiet, milli jarahom jaqgħu fil-jasar. Wara miet jitqabad ma' l-għadu. Il-lapida tikkommemorah fis-sena 1579.

Kif wieħed jinżel it-taraġ jilmaħ lapida kommemorattiva oħra u xi skultura flimkien ma' mudell ta' torri li kien inbena minn Giovanni Guorgion fix-Xewkija fl-1690. Dan it-torri kellu jinqered fl-1943 meta fit-Tieni Gwerra Mondjali kien ser jinbena ajruport ta' emerġenza biex l-alleati jinvadu l-Sqallija. Dawn l-iskulturi u xi ġebel ieħor kull ma fadal minn dan it-torri.

Nispera li l-informazzjoni li għaddejtilkom dwar il-Mużew tal-Arkeoloġija tkun ta' stimulu biex itħeġġu tmorru żżuruh.

GOOD FOOD - BEST PRICES

L-Ankra
Restaurant

Specialising in Fresh Fish, Pasta and Local Specialities.

For reservations call

11, Shore Street, Mgarr - Gozo, Malta.
Tel: 55 56 56 - Mob: 0947 6702

M and M
DISCOUNT SUPERMARKET

Value for money!

OPENING HOURS
MONDAY TO SATURDAY
from 6.30 a.m to 7.00 p.m.

8th September Avenue, Xagħra, Gozo.
Tel: 560211 - Mob: 0947 6702

*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji irrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo

Tel. 553352 / 562211 - Mob. 099 5001 - Fax 562211




ISSA TISTA' TĦAWWAR IL-BORMA BĦAL DARI !

ISSIB, ĦWAWAR, ĦXEJJEX AROMATIĊI, FROTT IMQADDED GĦALL-ĦELU U PRODOTTI OĦRAJN GĦALL-IKEL.

14-15 KERĊEM RD. VICTORJA, VLP 104 GOZO. TEL: 562160

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## ġenerazzjoni.com

It-tifla ż-żgħira ta' tmien snin diġà tmur weħidha fuq l-iskrivanija, tixgħel il-kompjuter, iddaħħal CD u tgħaddi siegħa fid-dinja tal-logħob u t-tagħlim li joffri dan il-mezz modern ta' komunikazzjoni. Fil-klassi għandhom erba' komjuters u hi bħal tfal sħabha kapaċi tużahom bla diffikultà ta' xejn. F'dawn l-aħħar għaxar snin ix-xjenza eletronika u t-teknoloġija tal-komjuters għamlu passi ta' ġgant. Illum il-kompjuters saru ħaġa tassew komuni f'kull dar. Id-dinja tabilħaqq tbiddlet.

Sa ftit ta' snin ilu l-mod l-iktar komdu li bih konna nikkomunikaw ma' qraba u ħbieb barra minn Malta kien permezz tat-telefon iżda l-kontijiet kbar li jitilgħu jġagħluna nillimitaw ruħna għall-ittri. Min-naħa l-oħra l-ittri jdumu xi ftit ma jaslu u l-posta lanqas hija b'xejn! Mal-wasla ta' l-*internet* m'għadniex nibgħatu ittri bil-posta, iżda *e-mails* permezz tal-kompjuter. Din il-ġimgħa stess, kien il-*birthday* ta' kuġin tiegħi, u minkejja li ninsabu nofs dinja bogħod mill-kuġin li jgħix fl-Awstralja u minkejja d-differenza fil-ħin, ikkomunikajna bejnietna kemm-il darba u permezz ta' *camera* żgħira ħdejn il-kompjuter stajna naraw lilhom u huma lilna fuq l-iscreen tal-kompjuter. Din it-teknoloġija tqarribna tassew lejn xulxin.



Min ma għandux il-camera mal-kompjuter jista' juża l-iscanner u jibgħat ritratti tal-familja permezz ta' l-internet. L-iscanners daħlu wkoll mhux biss fid-djar, imma wkoll fl-iskejjel u fl-uffiċini. Bl-użu tagħhom l-ażjenda jew kumpanija tista' tkabbar id-dehra tagħha b'mod mill-iktar effettiv, daqs l-aqwa reklam f'gazzetta jew fuq it-televizjoni. Permezz ta' *website* fuq l-internet kull individwu jew kumpanija kummerċjali tista' tagħmel reklam madwar id-dinja kollha.

Dr. David Thornburg, expert Amerikan fl-edukazzjoni sejjaħ dawn l-iżviluppi meraviljużi bħala *"teknoloġija ta' liberazzjoni"*. Iżda hu stess stqarr li

minkejja dan il-progress kollu, il-qasma bejn il-fqir u s-sinjur għadha teżisti u sal-lum għad hemm 50 % tal-popolazzjoni tad-dinja li għad m'għamlitx telefonata waħda. Mela dawn il-mezzi moderni għadhom jilliberaw biss sezzjoni żgħira tal-popolazzjoni tad-dinja.



Fl-edukazzjoni l-kompjuters u l-internet fil-klassijiet qegħdin ibiddlu l-approach lejn it-tagħlim minn wieħed li jdur mal-figura tal-għalliem li minnu joħroġ kull tagħlim u tagħrif, għal wieħed li jpoġġi lill-istudent fiċ-ċentru, fejn aħna nitgħallmu flok ma niġu mgħallma. Sintendi d-direzzjoni tal-għalliema tagħna tibqa' xi ħaġa importanti ħafna. Il-kbar għandhom id-dmir li jgħinu liż-żgħar biex jużaw din l-għodda ġdida b'mod effettiv u etikament korrett. Il-faxxinu tal-kompjuter jista' jaqta' lil dak li jkun mill-ħbieb u mill-membri l-oħra tal-familja. Jekk il-ħin li qed tqatta' quddiem il-kompjuter qed iżommok imqajjem sa tard bil-lejl, inaqqasslek mill-ħin ta' l-istudju jew mill-ħin li ssoltu kont tgħaddih f'eżerċizzi fiżiċi, allura dan isir ossessjoni.

Illum hawn min tant sar ossessjonat bil-komjuters u bil-kilba li jżomm ruħu up-to-date ma' kull żvilupp li jsir f'din it-teknoloġija, li dan qed ikun ta' tfixxkil gravi fil-ħajja tal-familja u tax-xogħol u anke fl-istudju. Il-kompjuter u l-internet fil-waqt li jgħinuk tikkomunika ma' min huwa eluf ta' mili bogħod minnek, jista' jservi wkoll biex itellfek il-komunikazzjoni ma' min qiegħed fl-istess dar jew passejn bogħod minnek. Sintendi dan m'għandux ikun u l-argument jibqa' l-istess wieħed bħal tas-sikkina: għandha użu tajjeb, iżda tista' tintuża ħażin ukoll.

Bħal kull ħaġa oħra fid-dinja, it-teknoloġija hekk imsejħa tal-liberazzjoni tista' tintuża għat-tajjeb u għall-ħażin. Dmirna huwa li nużaw dan il-mezz modern u tal-futur għall-ġid tagħna u ta' l-oħrajn mingħajr ma jkun ta' dannu.









jikteb Joe Bajada

# Nadur Youngsters Champions tax-Xitwa

Il-Kampjonat Rothmans ta' l-Ewwel Diviżjoni wasal f'nofs triq u għalhekk xieraq nagħtu ħarsa dwar kif żvolġa l-ewwel round. Il-bilanċ hawn huwa iktar eċitanti u mistennija sfida missielta bejn it-timijiet biex iżommu posthom mal-kbar. S'issa dawn it-28 partita ġew skurjati 96 goal, 12 minnhom minn penalties u wieħed autogoal. Kellna mbagħad ħames penalties oħra falluti. Bħala l-aqwa skorer insibu lil Andy Ezenwata ta' St. Lawrence Spurs b'7 goals pero dan mistenni li jinqabeż fit-tieni round. Dan għall-fatt li issa mhux ser jibqa' jilgħab iktar fil-futbol Għawdxi fejn St. Lawrence ġa akkwistaw player ieħor barrani floku, kif ukoll għax hemm tliet players b'6 goals u dawn huma Sylvan Galea (Żebbuġ R), Sabri Rais (Xewkija T) u Osy Nkwocka (Oratory Y).

Nadur Youngsters minkejja t-telfa fl-aħħar logħba ta' l-ewwel fażi kellhom round mill-aqwa b'6 rebħiet konsekuttivi biex b'hekk spiċċaw fl-ewwel post bi 18 il-punt u għalhekk virtwalment champions tax-Xitwa. Titlu platoniku, pero ta' ċerta mportanza li jagħtihom vantaġġ fuq it-timijiet l-oħra. L-ewwel post għal Nadur ma wasalx b'kumbinazzjoni, fejn b'iktar konċentrazzjoni u bi ftit aktar fortuna, li s'issa wkoll kienet magħhom, għandhom opportunitajiet tajba li jilħqu l-objettiv finali tagħhom li jerġgħu jsiru champions Għawdxin.

Però Għajnsielem li jinsabu żewġ punti biss taħthom żgur li mhux ser iħalluhom jilagħbu b'trankwillità għall-fatt li huma iktar għatxana għall-unuri. Għajnsielem ukoll kellhom round tajjeb fejn b'difiża soda, l-aħjar waħda sa issa tal-kampjonat, u b'determinazzjoni qed jaslu għal riżultati pożittivi. Għandhom players grintużi u jekk itejbu iktar il-fażi ta' realizzazzjoni żgur li jkollhom għax jittamaw aktar.

Fit-tielet post bi 13 il-punt insibu lil Xewkija Tigers. Xewkija għandhom plejers versatili li kapaċi jilagħbu f'pożizzjonijiet differenti. S'issa kellhom l-aħjar attakk u jekk iżommu r-ritmu jafu jkunu aspiranti oħra għat-titlu.

B'punt inqas insibu lil Żebbuġ Rovers li wara bidu ħażin għarfu jirkupraw però fallew għal darba oħra fl-aħħar partita. Il-logħob tagħhom huwa veloċi però jidhru li għad iridu jiksbu iktar esperjenza biex ikun ta' sfida serja għax fil-fatt għamlu żbalji banali u ta' dan qed ibatu l-konsegwenzi. Ma jistgħux jibqgħu jitilfu opportunitajiet faċli ta' skor.

B'9 punti nsibu lill-promossi ta' Oratory Youths li ġew akkwistati minn tliet rebħiet. Il-Youths nistgħu ngħidu li huma sa ċertu punt sodisfatti għalkemm bil-formazzjoni li għandhom setgħu avvanzaw iktar fil-klassifika. Il-fatt li però jinsabu xi ftit 'il bogħod mir-relegazzjoni għandu għax iqawwilhom qalbhom biex iżommu posthom.

St. Laurence Spurs qed jerġgħu jilagħbu fl-ogħla diviżjoni, okkażjoni mhux daqstant komuni għal Spurs. F'dan ir-ritorn tagħhom attwalment jinsabu fil-post ta' qabel ta' l-aħħar b'6 punti. L-ambizzjoni tagħhom hija waħda, dik li jsalvaw. Għalkemm l-affarijiet huma diffiċli, lanqas m'huma mpossibli u dan meta r-riżultati mhux jirriflettu eżatt fuq is-saħħa tat-tim.

Kważi l-istess jista' jingħad għall-promossi l-oħra ta' Kerċem Ajax. Però min-naħa ta' Kerċem għalkemm il-logħob tagħhom mhux xi wieħed negattiv, għadhom l-uniċi mingħajr l-ebda punt fejn soffrew seba' telfiet konsekuttivi. It-tieni round ser ikun ferm diffiċli għalihom u x-xewqa tagħhom li jibqgħu fl-Ewwel Diviżjoni issa hija kważi mpossibli, għalkemm irridu ngħidu li l-football huwa mprevedibbli.

**Ir-riżultati kollha ta' l-ewwel round:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Victoria Hotspurs | 0 | Xewkija Tigers | 0 |
| St. Lawrence Spurs | 4 | Kerċem Ajax | 3 |
| Għajnsielem | 1 | Oratory Youths | 0 |
| Nadur Youngsters | 4 | Żebbuġ Rovers | 1 |
| Kerċem Ajax | 1 | Victoria Hotspurs | 3 |
| St. Laurence Spurs | 2 | Xewkija Tigers | 7 |
| Għajnsielem | 1 | Żebbuġ Rovers | 0 |
| Żebbuġ Rovers | 1 | St. Laurence Spurs | 0 |
| Oratory Youths | 2 | Victoria Hotspurs | 1 |
| Xewkija Tigers | 1 | Għajnsielem | 0 |
| Kerċem Ajax | 1 | Nadur Youngsters | 4 |
| Victoria Hotspurs | 0 | Żebbuġ Rovers | 2 |
| St. Laurence Spurs | 2 | Oratory Youths | 1 |
| Għajnsielem | 4 | Kerċem Ajax | 1 |
| Nadur Youngsters | 2 | Xewkija Tigers | 1 |
| St. Laurence Spurs | 0 | Għajnsielem | 2 |
| Nadur Youngsters | 2 | Victoria Hotspurs | 0 |
| Oratory Youths | 3 | Kerċem Ajax | 2 |
| Xewkija Tigers | 2 | Żebbuġ Rovers | 4 |
| Victoria Hotspurs | 1 | Għajnsielem | 1 |
| St. Laurence Spurs | 1 | Nadur Youngsters | 2 |
| Żebbuġ Rovers | 3 | Kerċem Ajax | 0 |
| Oratory Youths | 1 | Xewkija Tigers | 2 |
| Victoria Hotspurs | 5 | St. Laurence Spurs | 1 |
| Kerċem Ajax | 2 | Xewkija Tigers | 5 |
| Għajnsielem | 2 | Nadur Youngsters | 0 |
| Żebbuġ Rovers | 0 | Oratory Youths | 2 |

Kif Jinsabu

| | L | R | D | T | F | K | PTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nadur Youngsters | 7 | 6 | 0 | 1 | 16 | 7 | 18 |
| Għajnsielem | 7 | 5 | 1 | 1 | 11 | 3 | 16 |
| Xewkija | 7 | 4 | 1 | 2 | 18 | 11 | 13 |
| Żebbuġ Rovers | 7 | 4 | 0 | 3 | 11 | 9 | 12 |
| Oratory Youths | 7 | 3 | 0 | 4 | 10 | 10 | 9 |
| Victoria Hotspurs | 7 | 2 | 2 | 3 | 10 | 9 | 8 |
| St. Laurence Spurs | 7 | 2 | 0 | 5 | 10 | 21 | 6 |
| Kerċem Ajax | 7 | 0 | 0 | 7 | 10 | 26 | 0 |

## *GĦAWDXI JIRBAĦ IL-PREMJU TA' L-ISPORTIV TAS-SENA*

## *NIFIRĦULU!*

*Tony Cauchi, ż-żagħżugħ ta' 23 sena mix-Xewkija, li aktar kmieni s-sena l-oħra rebaħ il-kampjonat Ewropew tat-Tigrijiet taż-Żwiemel għall-Apprendisti ġewwa r-Russja, nhar l-Erbgħa, 7 ta' Frar 2001 ġie magħżul bħala l-Isportiv tas-Sena minn fost ħafna Sportivi Maltin oħra.*



***Tony (it-tieni mix-xellug) bit-trofew ta' "L-Isportiv tas-Sena" flimkien mill-parteċipanti tal-konkors.***





# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

- Għajn waħda tal-klamari ġganteski hi akbar minn ras ta' bniedem.
- Bħala tifkira tal-Holocaust, inżergħu madwar 6,000,000 siġra qrib Ġerusalemm – waħda għal kull persuna maqtula mill-Ġermaniżi. Din il-foresta tissejjaħ "Il-Foresta tal-Martri".
- Għal kull mara li tikkommetti suwiċidju, hemm żewġt irġiel li jneħħu ħajjithom b'idejhom.
- L-isem uffiċjali tal-Libja huwa *Socialist People's Libyan Arab Jamahiriya.*
- Fl-1908 ix-xmara Moska tar-Russja għoliet 9 metri u għarrqet 100 triq u 2,500 dar.
- Is-snien foloz huma l-aktar oġġett esportat minn Liechtenstein.
- Ġurdien jista' jissaporti mingħajr ilma ħafna aktar minn ġemel.
- Mary Stuart saret Reġina tal-Iskozja meta kellha sitt ijiem!
- Għal kull mara li hemm il-ħabs, hemm 30 raġel ħabsi.
- Fl-1386 ħanżir ġie mgħallaq fi pjazza għaliex kien qatel tifel.
- Fi żmien il-Greċja l-Antika, l-eta' ta' mara kienet tiġi kalkulata mill-jum tat-tieġ.
- Ir-re Ġwanni II tal-Polonja twieled fis-17 ta' Ġunju, l-istess jum li fih sar re, iżżewweġ u miet!
- Hemm aktar nutrijenti fil-kartun ta' pakkett tal-*corn flakes* milli fil-*corn flakes*!
- Fis-snin sebgħin, Thomas Hardy kien l-aktar awtur Ingliż popolari fil-Ġappun.
- Hemm aktar minn elf funtana fil-Palazz ta' Versailles fi Franza.
- Il-kok ta' Adolf Hitler kien Lhudi.
- Student Universitarju għandu vokabularju ta' 60,000 kelma, imma Shakespeare uża biss 15,000 kelma fil-kitbiet tiegħu!
- Wara li tagħtas, il-mikrobi jibqgħu fl-arja għal 40 minuta.
- Karozza normali tipproduċi 42 tunnellata *Carbon Dioxide* qabel ma tispiċċa!
- Sitt miljun persuna fl-Amerika huma allerġiċi għall-qtates. Imma terz minnhom għandhom qattusa d-dar!



*Verdi, li fis-27 ta' Jannar għalaq 100 sena mejjet, kien iħobb ħafna l-klieb; fosthom kellu lil* ***"Lulu"****, ta' razza maltija (Maltese Dog).*
*Hawn jidher f'karikatura ta' Delfico f'ġurnal taljan.*



# Bortelli Woodworks

**For all kind of Furniture and Home appliances, Office Desks and Chairs, Filing Cabinets and Cupboards.**



*Workshop:*
26, P.P. G.M. Camilleri Str.,
Għarb, Gozo.
**Tel./Fax: 560020**

*Showroom:*
Borg Oliver Str.,
Victoria, Gozo.
**Tel: 564664**

**Mobile: 0940 5295**

*Ask for Bernard...With 25 Years of Experience*




## LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE

TRIQ FORTUNATO MIZZI, VICTORIA, VCT 111 - GHAWDEX
TEL: 560496/7 FAX: 561860

Kotba u rigali reliġjużi








Kull xorta ta' Stationery u kiri ta' Videos edukattivi

Servizz ta' Photocopying u bejgħ ta' karta

**Hinijiet tal-Ftuħ**
mit-Tnejn sas-Sibt
9.30a.m. - 12.30p.m.
5.00p.m. - 9.00p.m.


PALAZZO MARGHERITA
L-ESPERJENZA
TAGĦNA .....
.....IL-GARANZIJA TIEGĦEK
FL-ISBAĦ ĠURNATA TA'
ĦAJTEK
Għal aktar dettalji ċempel 555737 jew 557898